# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

OTTUBRU 2004 • L-24 SENA • GĦADD 243 • NEWSPAPER POS • ISSN 1811-5373



DAWL FRANĠISKAN

OTTUBRU 2004
L-24 sena • Għadd 243




Qoxra 1:
*Ġesù jwaqqaf l-Ewkaristija*

**BORD EDITORJALI:**
Leonard Falzon OFMCap (Direttur u Editur)
Andrè Azzopardi OFMCap (Viċi-Editur)
Krispin Tabone OFMCap
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo
Alex Falzon GiFra

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT:**
Noel Pace
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14













# Werrej

3 **Is-sena ta' l-Ewkaristija f'dawl Franġiskan**
*minn P. Leonard Falzon OFMCap*

4 **Ġeremija - Bniedem Sofferenti**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **Nitkellmu ma' Mons. Pawlu Darmanin**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

13 **Lejn Alla bl-isport (7)**
*minn Joe Attard*

14 **Sardi: Il-Belt ta' Esopu**
*minn P. Joe Buttigieg OFMCap*

16 **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (18)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

18 **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

19 **Il-ħidma pastorali tas-saħħa fil-Knisja Kubana**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

21 **L-ewwel Djaknu Kuban**

22 **Fit-tikmix ta' l-għajnejn naraw ukoll ir-raġġi tad-dawl**
*Dorianne Penza GiFra*

23 **San Franġisk t'Assisi u jien**
*minn Mario Griscti*

24 **Aħbarijiet Kapuċċini**

27 **L-Ewkaristija fil-qdusija ta' Santa Veronka Giuliani**
*minn P. Lawrenz Briffa OFMCap*

30 **Tisliba u Rokna għat-Tfal**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

31 **Jigsaw Puzzle**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*



P. Leonard Falzon OFMCap

# Is-Sena ta' l-Ewkaristija f'dawl Franġiskan



Nifirħu u niċċelebraw fil-festa tal-fundatur San Franġisk t'Assisi. L-4 t'Ottubru huwa l-jum iddedikat lilu, li joffri lilna mument qawwi ta' riflessjoni dwar dak li b'għażla personali qegħdin insarrfu: **ħajja nisranija fuq it-tifsila ta' San Franġisk.**

San Franġisk, bħall-bqija tal-qaddisin l-oħra, ħtieġlu jgħaddi minn żmien ta' konverżjoni/bidla, frott ta' esperjenza tal-laqgħa tiegħu ma' l-Evanġelju.

L-Evanġelizzazzjoni kienet il-mezz li fi Franġisku u bih, il-Mulej għamel il-meravilja.

Franġisku ltaqa' mal-Kelma t'Alla, laqagħha f'qalbu u sarrafha f'għemilu. Dan hu n-nisrani, dan hu l-hieni, dan hu d-dixxiplu u l-qarib ta' Ġesù: ***"Ommi u ħuti dawn huma li jisimgħu l-kelma t'Alla u jagħmluha"*** (Lq 8:21).

Il-ħajja franġiskana hija tisrifa, twettiq fil-prattika tal-messaġġ ta' l-Evanġelju. X'jagħmel Ġesù kieku kien minfloki? F'waqtiet ta' deċiżjoni serja jew ħafifa, quddiem il-provokazzjoni u t-tentazzjoni, quddiem okkażjoni ta' qadi lil min jinsab fil-ħtieġa: x'se tkun il-pożizzjoni tiegħi / tiegħek?

Din is-sena, ix-xahar t'Ottubru jkollu wkoll dimensjoni oħra għall-Knisja Kattolika. Sa bħal daż-żmien sena, Ottubru 2005, se jkun perijodu li matulu kull nisrani se jkun mistieden jgħarbel u jġedded fih nnifsu l-ferħ u l-qawwa li jkun xhud mhux ta' xi ħaġa ... iżda ta' xi ħadd: tal-Mulej li hu ħaj fi kliemna u għemilna.

Matul din is-sena, il-Knisja qed tiċċelebra s-**Sena ta' l-Ewkaristija**. It-tema ta' studju li se jittratta s-Sinodu ta' l-Isqfijiet , li se jiltaqa' fil-Vatikan bejn it-2 u 29 t'Ottubru 2005, se tkun: **"L-Ewkaristija – l-għajn u l-qofol tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja".**

*Dawl Franġiskan* – rivista ta' ispirazzjoni nisranija, b'impenn ċar li joħroġ mill-istess isimha, ma tistax tibqa' indifferenti u wisq iżjed passiva ma' l-abbonati u l-qarrejja tagħha fi żmien daqstant sinifikattiv fil-ħajja tal-Knisja u allura tagħna lkoll.

Bħala Direzzjoni ta' *Dawl Franġiskan* inħossuna fid-dmir li nilqgħu l-istedina ta' tiġdid u filwaqt li aħna stess insarrfuha f'għemilna, bl-istess għemilna/kitba, inkunu ta' qadi *(Ewkaristija)* lejkom bil-produzzjoni tal-kitbiet tagħna. Dawl *Franġiskan* għandu jfisser xiehda tal-Kelma t'Alla li titwettaq fil-qalb ta' min jilqagħha u li b'mod naturali jwassalha bl-eżempju ta' ħajtu lil ta' madwaru ħalli anki huma jduqu l-frott ta' Ewkaristija fil-prattika.

*Mulej Ġesù, li bgħatt lill-Ispirtu tiegħek – agħmel li ma jonqsu qatt fil-Knisja dawk, li mimlijin bl-Ispritu s-Santu, jagħtu xiehda tiegħek.*

Paċi u Ġid.

*Mons. Lawrenz Sciberras*

# Ġeremija
## bniedem sofferenti

***Dan il-bniedem, li twieled bħala qassis u aktar 'il quddiem sar profeta b'sejħa divina, huwa fost wieħed mill-akbar nies ta' l-istorja li ddomm l-Antik Testment kollu. Huwa rċieva s-sejħa għall-profetiżmu fis-sena 627 meta Ġosija kien sultan f'Ġuda u kien għad għandu biss 20 sena. Huwa kien iben tal-qassis Ħilkija, wieħed mill-qassisin ġejjin minn Għanatot (Ġer 1:1).***



*Ġeremija jiddjaloga ma' Alla.*

Isem dan il-profeta *Yirmyeyahu* jfisser: 'Jahweh qiegħed fil-għoli', u jidher għal 193 darba fil-kotba ispirati. Huwa kien iġorr miegħu l-karatteristiċi tan-nies tar-raħal żgħir, Għanatot, fit-tra-muntana ta' Ġerusalemm. U għalhekk kien bniedem umli u dejjem mistħi.

Għax missieru Ħilkija, dixxendent mill-qassisin ta' Abjatar, il-qassis tal-Mulej li Salamun kien keċċa minn Ġerusalemm għal Għanatot (1 Slat 2:26-27). Imma kienu dawn iż-żewġ karatteristiċi ta' Ġeremija li Alla għażlu għall-missjoni għolja tal-profetiżmu Lhudi.

### Sejħa speċjali

Is-sejħa ta' Ġeremija kienet qabel l-istess twelid tiegħu. U l-istess ngħidu għall-konsagrazzjoni profetika tiegħu. Hawn tidher fl-aqwa tagħha l-id t'Alla ma' dan il-bniedem. "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek; qabel ma ħriġt minn ħdan ommok ikkonsagrajtek" (Ġer 1:5). Għalhekk meta l-Mulej sejjaħlu, Ġeremija tant baża', li dritt qabżitlu: "Ah, Sidi Mulej, ma nafx nitkellem, għadni żgħir". Imma Alla ma ħalliehx jiġġerra waħdu, imma b'sinjal tanġibbli kkonferma li huwa se jagħtih dak kollu li kien jeħtieġ għall-missjoni profetika tiegħu: "U l-Mulej ħareġ idu u messli fommi" (Ġer 1:9).

Ġeremija għen u kellu suċċess fir-riforma li għamel is-sultan Ġosija meta nstab il-ktieb tal-kult fit-tempju (2 Slat 23). Xejn ma kienet ħaġa faċli, la għal Ġosija u wisq anqas għal profeta Ġeremija. Il-profeta kellu jeħodha bis-sħiħ kontra l-abbużi sfaċċati li kienu jsiru saħansitra fl-istess tempju. U wasal biex qalilhom li mhux billi hemm it-tempju, il-Lhud ma għandhom jistrieħu qatt fuq din il-binja tal-ġebel.




*Ġeremija jibki l-qerda ta' Ġerusalemm.*

jara biss dlam u swidija. "Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni, u għelibtni. Jien sirt id-daħka ta' kuljum, kulħadd jiddieħak bija" (Ġer 20:7). Iżda meta għadda żmien il-qtigħ il-qalb tal-profeta, dan ħareġ aktar rebbieħ u setgħani fuq kulħadd. Kelmet il-profeta issa saret ġamra taħraq u tikwi kull fejn taqa'.

## Jgħallem bis-simboli

Ġeremija kellu sens kbir ta' pedagoġija, jiġifieri kif iwassal b'mod ċar il-messaġġ tiegħu. Tant li meta s-semmiegħa ma jifhmux dak li kien qed jgħid jew jagħmel, huwa stess kien ifisser dak is-sinjal. Fost il-bosta simboli li Ġeremija uża biex iwassal il-messaġġ tiegħu hemm dik tal-fuħħari u t-tafal. Meta Ġeremija ra x'kien qed jagħmel il-fuħħari kif għamel ġarra differenti, kelmet il-Mulej ġiet fuq Ġeremija u qaltlu: "Dar Iżrael, jaqaw ma nistax nimxi magħkom bħal dan il-fuħħari?" (Ġer 18:6). Tixbiha oħra simbolika seħħet meta Ġeremija mar xtara ġarra tal-fuħħar. Huwa sejjaħ lill-anzjani, lix-xjuħ u l-qassisin u quddiemhom Ġeremija kisser f'mitt biċċa l-ġarra: "Hekk għad inkisser dan il-poplu u din il-belt, bħalma titkisser ġarra tal-fuħħar, bla ma tkun tista' tissewwa" (Ġer 19:11b).

Dan kollu kien tħabbir f'postu, tax-xorti kerha li kienet se tmiss lill-belt ta' Ġerusalemm. Kienet is-sena 586 meta Nebukadnessar tela' u ħabat għal belt u ġarr ħitanha flimkien mat-tempju. Seraq dak kollu li kien prezzjuż u ġarr miegħu numru kbir lejn l-eżilju ta' Babel. Dan kollu ġara taħt għajnejn il-profeta Ġeremija. Hawn kompla ħareġ fil-beraħ kemm kellu jbati dan il-bniedem magħżul biex jgħallem lin-nies ta' pajjiżu.

L-istat ta' tbatija ta' Ġeremija kompla nieżel 'l isfel meta dawk il-Lhud li rnexxielhom jistaħbew u ma jmorrux skjavi lejn Babel, ħarbu lejn l-Eġittu. U b'rabja fuqhom dawn it-talin kaxkru magħhom ukoll 'il Ġeremija.

Huwa li tant kien iħobb lil art twelidu u fuq kollox lill-belt ta' Ġerusalemm, issa se jispiċċa f'art 'il bogħod minn pajjiżu. Anzi bosta jżommu li Ġeremija spiċċa ħajtu mħaġġar. Tradizzjoni qadima ħafna tgħid li meta Alessandru l-Kbir rebaħ lill-Eġittu huwa ħeles l-għadam tal-profeta minn fejn kien midfun u tellagħlu qabar xieraq f'Lixandra. ❑

Il-meħtieġ kien li l-Lhud itejbu l-imġiba tagħhom, f'kull azzjoni li jagħmlu. "Isserrħux raskom bi kliem qarrieq, u tgħidu: hawn hu t-tempju tal-Mulej, it-tempju tal-Mulej, it-tempju tal-Mulej" (Ġer 7:4). Ta' min jinnota l-espressjoni użata għal tliet darbiet. In-nies ħaduha bil-qawwa kollha kontra t-tagħlim ta' Ġeremija u kkonkludew li huwa qiegħed ibiegħed in-nies milli jmorru fil-maqdes u joffru hemm l-offerti tagħhom. Għalhekk waslu biex rabtuh u niżżluh ġo bir kollu ħama u qalulu biex issa joqgħod jippriedka hemm isfel.

## Kriżi ta' ħajtu

F'dan il-waqt Ġeremija daħal f'wieħed mill-aktar żminijiet koroh ta' ħajtu: waqa' f'disperazzjoni; beda

*P. William Axiaq OFMCap*



# Teleskopju fuq il-ħajja

***Ġejjin ċerti riflessjonijiet li min jaf kemm-il darba ħabtu ma' moħħok. Jiena se nagħmel ħaġa waħda biss: se nlibbishom id-diskors. B'hekk inkun nista' ngħinek tirrifletti aħjar.***

Il-psikoloġi jgħidulna li 30% tad-drabi nieħdu fastidju fuq insulti immaġinarji, 30% fuq nuqqas ta' ftehim u 30% fuq offiżi mhux intenzjonati. L-10% li jibqa', imbagħad, x'aktar li jkunu offiżi li nkunu ġibna b'idejn stess u minħabba f'hekk għandna nkunu kapaċi nġarrbuhom b'maturità, bla ma nagħmlu qorti sħiħ u nakkużaw lill-oħrajn li jgħixu magħna.



L-istatistika li tajtkom hija ta' għajnuna kbira għalina lkoll. Qed ngħid hekk, għaliex matul il-ġurnata nħabbtu wiċċna ta' spiss ma' nsulti, nuqqas ta' ftehim u offiżi. Iċ-ċifri jgħinuna biex nifthu għajnejna u dak li ngħaddu minnu fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn nippruvaw narawh b'mod kemm jista' jkun oġġettiv, kif tassew hu. Iżjed ma narawh fil-prospettiva proprja tiegħu, inqas l-affarijiet nagħmluhom bi kbar u ma tantx inxellfu diffrejna ma' l-oħrajn.

Fil-ħajja hawn persuni li dejjem jagħtu tort lil ħaddieħor, huma biss qatt ma għandhom tort. Dejjem huma jridu jkunu minn fuq u jippretendu li ħaddieħor dejjem għandu jkun minn taħt. Huma persuni li għadhom ma bdewx jikbru fil-ħajja. Għandhom bżonn jibdew jieħdu ħsieb tagħhom infushom, inkella jbatu, għax ħaddieħor jifforma idea ħażina tagħhom. Dan ikun tort tagħhom, għax ma jkunux ħabirku biex ikunu għaqlin u ġusti fir-relazzjonijiet tagħhom mal-proxxmu li jgħix madwarhom.

**Mulej Ġesù Kristu, għallimni nifhem lili nnifsi, ħalli mbagħad inkun kapaċi ntejjeb il-kuntatti tiegħi ma' l-oħrajn li jaqsmu ħajjithom miegħi.**

## 3 BĦAS-SĦAB F'RIĦ QAWWI

Is-soltu ngħidu li t-tfal huma persuni mislufin għal ċertu żmien lill-ġenituri tagħhom. Dan kollu minnu, basta b'din l-espressjoni nifhmu li l-missirijiet u l-ommijiet dak is-self jibżgħu għalih, billi jieħdu ħsiebu sew. Oġġett misluf, suppost, wieħed jindukrah iżjed milli kieku kien proprjetà tiegħu stess. Hekk ukoll fejn jidħlu l-ulied. Il-ġenituri jridu jedukawhom sew skond il-kriterji tal-lum. Din hija ħaġa li mhux dejjem tiġri, iżjed u iżjed f'dan iż-żmien meta donnha tielgħa razza ġdida ta' tfal u żgħażagħ, li qatt ma kien hawn oħra bħalha fl-istorja tad-dinja, u ħafna ġenituri qatgħu qalbhom mill-edukazzjoni tagħha.



Hawn ġenituri li qegħdin iħossuhom falluti fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Oħrajn tilfu rashom wara l-frugħat tad-dinja u moħħhom iżjed kif se jogħġbu l-ħabiba / ħabib tagħhom, milli kif se jedukaw bis-serjetà kollha 'l uliedhom b'impenn. Oħrajn iżjed moħħhom fid-divertiment, milli fl-iżvilupp seren ta' wliedhom subjien u bniet. Huma tassew ftit dawk il-ġenituri li ħadu bis-serjetà l-edukazzjoni sħiħa ta' wliedhom f'dan iż-żmien ta' trasformazzjonijiet kbar u ta' transizzjoni mqallba, li qegħdin jolqtu lil kulħadd.

Il-ġenituri jridu jirrealizzaw li t-tfal fil-familja partikolari tagħhom donnhom bħal sħab fuq il-gżejjer Maltin li, f'ġurnata riħ, jgħib malajr minn fuqhom.

Huma ħafna dawk il-ġenituri li tismagħhom jgħidu: "Uliedi taru mill-familja. Qishom qatt ma kienu magħna! Telqu ħesrem. Ġarbu mid-dar f'teptipa ta' għajn!"

Ir-realtà li dwarha qed nitkellem tiftaħ għajnejn il-ġenituri, ħalli ma jiġrix li jaraw 'l uliedhom qed jikbru fiżikament taħt għajnejhom, waqt li anki huma jkunu qegħdin jikbru magħhom, u ma jaħsbulhomx malajr kemm jista' jkun għal dak li huwa tassew meħtieġ għal ħajjithom. Mhux ikel, xorb, ilbies u skola biss, imma iżjed u iżjed dak li hu indispensabbli biex is-*psyche* tagħhom tikber ritmikament mas-snin li jkunu qegħdin igerbu minn fuqhom.

It-tqala, iċ-ċkunija, it-tfulija, il-preadolexxenza (l-età tal-Griżma ta' l-Isqof) u l-adolexxenza jgħaddu malajr, għax il-ħajja saret mgħaġġla wisq. Minħabba f'hekk, il-ġenituri jridu jistinkaw, jaqtgħu bi snienhom, ikunu effiċjenti u moħħhom hemm fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Jekk ma jagħmlux hekk, it-tfal żgur jaħarbulhom ħesrem u b'bikja minn taħt idejhom, għax, f'daqqa waħda u irreparabilment, jindunaw li ma jkunux tawhom l-essenzjali għall-ħajja. Jintebħu li kien moħħhom imtajjar fuq ħafna affarijiet barra milli fit-trawwim tagħhom. Kienu jitwerwru mill-edukazzjoni ta' wliedhom għax jafu li l-lum il-ġurnata saret titlob wisq minnhom.

**Mulej, nissel il-gost għall-edukazzjoni tat-tfal fil-ġenituri ta' llum.**

### Talb għax-xahar ta' Ottubru 2004

Biex l-Insara, waqt li jibqgħu sodi fil-fidi tagħhom, ikunu ħerqana biex jiddjalogaw ma' dawk li jsegwu tradizzjoni reliġjuża differenti.

Biex fl-Amerika Latina l-preżenza tal-Kattoliċi fil-ħajja nazzjonali u fil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali tikber u tissaħħaħ.

Biex fl-Università u istituti oħra ta' edukazzjoni terzjarja l-istudenti ma jsibux ftixkil għall-fidi nisranija tagħhom, izda jirċievu tagħlim li jgħinhom jimmaturaw u jsiru membri siewja tas-soċjetà.

Br Andrè Azzopardi OFMCap



# Nitkellmu ma' *Mons. Pawlu Darmanin* Isqof ta' Garissa - Kenja

## • 20 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Pawlu Darmanin u t-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Garissa

## • 30 Anniversarju mill-preżenza tal-missjunarji Kapuċċini fil-Kenja

***Għaziz Mons. Isqof, minn fejn inti u x'inhuma t-tifkiriet ta' tfulitek?***

It-twelid tiegħi kien fi żmien it-tieni gwerra dinjija. Kien fl-isptar ta' Cini f'Santa Venera, fejn anki ġejt imgħammed ftit ġranet wara. Però d-domiċilju kien dejjem Ħaż-Żabbar fejn kienu dejjem joqogħdu l-ġenituri tiegħi.

Kienet familja normali u komuni bħal tant oħrajn. Ġenituri ħaddiema li t-tnejn kienu jagħmlu l-parti tagħhom biex ma jkun jonqosna xejn u nieħdu l-edukazzjoni kollha li kienu jemmnu ħafna fiha.

Barra, naturlament, il-ħajja komuni ta' l-iskola niftakar tajjeb ukoll l-impenn tiegħi bħala membru tas-Soċjetà tal-Mużew. Kont membru attiv kemm biex nattendi kif ukoll biex ngħallem xi klassi tat-tfal tad-duttrina.

***Tiftakar f'xi ġrajjiet importanti li ħejjewk biex tilqa' s-sejħa li għamillek il-Mulej li tkun Patri Franġiskan Kapuċċin?***

Inħoss li s-sejħa għas-saċedożju kienet fija minn meta kont żgħir; hekk ukoll il-vokazzjoni għall-ħajja Reliġjuża. Kienet ċara ħafna f'moħħi li nixtieq inkun Saċerdot li "jgħix fil-kunvent". Ma kontx nuża l-kelma "reliġjuż", però kienet inkluża fil-vokazzjoni li kont inħoss.

Il-kuntatt mal-Franġiskani Kapuċċini kien frott tal-kunvent li hemm qrib Ħaż-Żabbar, dak ta' Santa Liberata, li jagħmel mal-Kalkara. Kelli diversi opportunitajiet li nżur dan il-kunvent, anki għall-qrar, kif ukoll fil-ħarġiet mal-grupp tal-Mużew.

Niftakar tajjeb ukoll, però, l-istudenti Kapuċċini li kienu jgħaddu anki mit-triq fejn konna noqogħdu. Għandi memorja tajba tagħhom, kienu jkunu numru kbir, li għalija ta' tifel kienu "kollha Patrijiet".

***Kif kienet it-tħejjija tiegħek reliġjuża?***

L-ewwel formazzjoni fil-ħajja reliġjuża kienet dik ta' novizz fil-kunvent tal-Kapuċċini fil-Rabat, Għawdex; post sabiħ, kwiet, bil-kam-panja miftuħa. Komunità żgħira u varjata; kien lokal tajjeb ħafna għall-formazzjoni tal-bidu, bħalma hu n-novizzjat, speċjalment bin-natura li kellu dak iż-żmien ... dħul fil-ħajja reliġjuża b'qa-tgħa mill-passat u pre-parazzjoni spiritwali. Wara dan kienet kollha preparazzjoni f'talb, studji, ħajja komunitarja; preparazzjoni għall-Voti Solenni u l-Ordinazzjoni Saċerdotali. Kien hemm l-aħjar Patrijiet li setgħu jagħtu ix-xejra għal ħajja reliġjuża.



*L-Isqof Mons. Pawlu Darmanin flimkien mal-familjari tiegħu, l-Aħwa Kapuċċini u t-tlett Isqfijiet li kkonsagrawh Isqof.*

***Meta sirt saċerdot, x'kien il-ministeru tiegħek fi ħdan il-Provinċja?***

Ġejt ordnat Saċerdot fis-26 ta' Marżu 1966.

F'Settembru ta' l-istess sena ġejt mibgħut fil-Kulleġġ tal-Kapuċċini, Ruma, biex nistudja l-Liġi tal-Knisja; wara komplejt ukoll sentejn oħra fit-Teoloġija Morali.

Meta nżilt Malta kelli xi *lectures* fl-Istitut tat-Teologija għar-Reliġjużi (INSERM). Kont anki responsabbli mill-postulanti fil-kunvet tagħna tal-Furjana, dawk li jkunu qegħdin jippreparaw ruħhom u jirriflettu iżjed dwar il-vokazzjoni reliġjuża tagħhom qabel ma jidħlu n-novizzjat. Il-postulandat kien idea ġdida u fil-fatt ftit kien mifhum.

Wara sena fil-kunvent tal-Furjana, kont ġejt mogħti l-uffiċċju ta' Direttur ta' l-istudenti li kienu fil-kors tal-Filosofija fil-kunvent tal-Kalkara u promotur tal-vokazzjoni Kapuċċina.

Tliet snin wara, fil-Kapitlu elettiv tal-Provinċja, li sar f'Mejju 1974, ġejt imsejjaħ biex naqdi l-uffiċċju ta' Provinċjal. Dan kien żewġ perijodi ta' tliet snin-il wieħed. Uffiċċju importanti u ta' responsabbilità li jġibek ħafna qrib l-membri kollha tal-provinċja u x-xogħol tagħhom.

***X'kien li ħajrek tmur il-Missjoni tal-Kenja u kif kienet il-qagħda tal-Missjoni f'dawk iż-żminijiet?***

Nista', bla dubju ta' xejn, ngħid li dejjem ħabbejt il-Missjoni. Minn meta kont fil-formazzjoni kont ninteressa ruħi fil-ħidma missjunarja u nieħu parti attiva fl-attivitajiet li konna norganizzaw bħala studenti għall-Missjoni, kemm dawk bejnietna kif ukoll fil-pubblikazzjoni tal-*Leaflet* missjunarju li kien joħroġ mill-istudenti bl-isem ta' "Omm ir-Ragħaj Divin".

Ċert li sirt iżjed qrib il-Missjoni u l-missjunarji malli sirt Provinċjal.

Kien għadu kemm mar l-ewwel grupp missjunarju l-Kenja, Jannar 1974. Kien kollox għadu fil-bidu, kien hemm bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet oħra importanti mill-Provinċja dwar il-Missjoni biex l-impenn ikun komplet; kien hemm bżonn li l-ewwel grupp jissaħħaħ b'iżjed vokazzjonijiet missjunarji mill-Provinċja. Kien neċessarju ħafna li ssir animazzjoni, theġġiġ biex il-pass kuraġġuż li l-Provinċja kienet ħadet li tidħol għall-Missjoni diffiċli jkun jista' jagħti frott għall-Knisja Lokali.

Bil-viżti tiegħi bħala Provinċjal u l-kuntatt kontinwu magħhom stajt nara ferm mill-qrib ix-xogħol li l-ewwel grupp ta' missjunarji kienu qegħdin jagħmlu, kemm kien importanti u kemm kellhom bżonn ta' kull għajnuna: talb, missjunarji ġodda u għajnuna materjali.

Dan, ċertament, saħħaħ il-vokażżjoni tiegħi għall-Missjoni.

***Xi żmien wara inti ġejt ikkonsagrat bħala l-ewwel Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa fil-Kenja. X'kienu l-mumenti l-iżjed importanti li wasslu biex titwaqqaf din id-Djoċesi u x'tifkiriet għandek tal-Konsagrazzjoni tiegħek bħala ragħaj ta' din id-Djoċesi?***

Kienu sensiela ta' deċiżjonijiet u dedikazzjoni sħiħa mill-missjunarji li wasslu biex il-Missjoni tgħaddi u tkun mgħollija għal Djoċesi.

Kien importanti ħafna l-fatt li l-Provinċja ħadet ir-responsabbiltà tat-territorju; jigifieri mhux bagħtek missjunarji biex jaħdmu fi djoċesijiet oħrajn, imma daħlet responsabbli biex tevangelizza t-territorju bil-personell tagħha, missjunarji oħra kemm Sorijiet kif ukoll missjunarji lajċi.

Din kienet il-proposta mill-bidu li kien jinsisti fuqha anki l-Kardinal Maurice Otunga (RIP) li tinħoloq "qalb ġdida" f'Garissa li tippompja d-demm f'dik iż-żona li kienet 'il bogħod mid-djoċesijiet l-oħrajn minn fejn ħarġet.



***Mons. Pawlu Darmanin fil-jum ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu.***

Kien għalhekk li fid-9 ta' Diċembru 1976, il-Missjoni saret Prefettura Appostolika, li kien responsabbli minnha wieħed mill-ewwel missjunarji li marru Garissa, Mons. Leo White.

Il-ħidma li saret minn dawn l-ewwel Missjunarji u dawk li marru warajhom, flimkien ma' Sorijiet u missjunarji lajċi Maltin u Għawdxin taw ħajja ġdida lil din iż-żona. Sar anki żvilupp soċjali u *settlements* li ġabu magħhom ħafna familji, speċjalment ta' bdiewa, li kienu għatxana biex ikollhom l-għalqa tagħhom u jkunu jistgħu jaħdmuha. Il-missjunarji kienu diġà hemm meta in-nies bdew jiġu u għalhekk setgħu jilqgħuhom, jgħinuhom biex ikollhom l-ilma bit-tħaffir ta' bjar, tindif ta' l-għelieqi minn siġar kbar fejn kienet foresta. Għajnuna oħra kbira kienet il-*clinics* li għenu biex inaqqsu l-mard, speċjalment tal-malarja,



*Mons. Pawlu Darmanin (it-tieni mil-lemin) qed ikun applawdit hekk kif ġie kkonsagrat Isqof.*

*diarrhoea* u mard ieħor li kien ħafna komuni. Il-*Boys' Town* f'Garissa *parish* u l-*Girls' Town* f'Wajir u *Boys' Town* ieħor fil-parroċċa ta' Mandera kien "originali" għal dak iż-żmien u f'dawk l-inħawi.

Ċert li ma' dan ix-xogħol kollu kien hemm ukoll l-għajnuna pastorali. Kien hemm il-kura pastorali tan-nies li kienu ġejjin minn partijiet oħra tal-Kenja li kienu 'l bogħod mill-familji tagħhom u jgħixu f'ambjent Musulman. Ħafna minn dawn in-nies kienu nsara u l-biċċa kbira minnhom Kattoliċi. Il-Knisja kienet ferm aċċettata u apprezzata fl-għajnuna li kienet qed tagħti, għajnuna li ħafna drabi lanqas l-awtoritajiet ċivili ma kienu lesti għaliha. Inbnew parroċċi ġodda u saħħew dawk li kien hemm qabel. L-attività fil-pastorali u għajnuna soċjali saħħew din iż-żona li ġibdet lejha għajnunijiet oħra kemm mill-Gvern li ra l-progress u NGOs oħra li ndunaw li hemm possibbilitajiet kbar u mxew fuq il-linja li kienu taw il-missjunarji.

L-Ordinazzjoni Episkopali tiegħi saret Malta fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Battista, mill-Eċċelenza Tiegħu Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta. Kien hemm jassistu lill-Arċisqof żewġ Isqfijiet Kapuċċini oħra, l-Arċisqof Emeritus ta' Gardiff (Wales), Eċċelenza Tiegħu John Aloysius Ward OFMCap., kif ukoll Eċċelenza Tiegħu Biagio Vittorio Terrinoni OFMCap., Isqof ta' Tarsi (Italja).

Din kienet fit-3 ta' Ġunju 1984, proprju 20 Sena ilu.

Niftakar li mal-Provinċja u Superjuri Kapuċċini li ġew minn Ruma attendew ukoll ħafna Saċerdoti u Reliġjużi; il-Kon-Katidral kien mimli, b'attendenza kbira kemm ta' Reliġjużi u Lajċi. Naħseb li kienet okkazjoni biex ikompli jikber iżjed l-Ispirtu missjunarju fil-gżejjer Maltin u tissaħħaħ l-għaqda tal-Knisja universali li hija waħda fi Kristu. Il-vokazzjoni missjunarja kienet dejjem qawwija f'Malta u Għawdex li huwa sinjal sabiħ ħafna ta' fidi ħajja.

Ċert li dejjem bqajt nirringrazzja 'l Alla li għoġbu jinqeda bija għal dan l-uffiċċju u grat lejn Isqfijiet li ħadu parti fl-Ordinazzjoni Episkopali, speċjalment lill-Eċċ. Tiegħu Ġużeppi Mercieca. L-organizzazzjoni kienet prinċipalment f'idejn l-uffiċċju Missjunarju tal-Kapuċċini, b'diversi individwi li taw kontribut kbir għall-okkażjoni, li wieħed jgħidilhom grażżi mill-ġdid.

Kien hemm organizzazzjoni tajba mill-Uffiċċju Missunarju kapuċċin flimkien mal-Provinċjal ta' dak iż-żmien, W.R. Patri Emmanuel Barbara OFMCap.

***Tista' tagħtina xi tagħrif kif inhi magħmula din id-djoċesi u x'ħidma pastorali qed issir fiha?***

Kull Djoċesi, speċjalment dik missjunarja, hija mwaqqfa biex twassal l-imħabba t'Alla lejn kulħadd kif hija murija lilna fi Kristu li "hu l-Kelma kompluta t'Alla l-Missier". Alla huwa mħabba; Kristu wriena din l-imħabba bil-kelma u l-mewt tiegħu għalina; il-Knisja hija Kristu stess li jkompli "fil-ġisem mistiku tiegħu" jirrivela u jaqsam din l-imħabba mal-bnedmin u l-ħolqien kollu.

Kull attività tad-Djoċesi hija dejjem diretta għall-fidwa tal-bniedem fi Kristu. Ix-xandir tal-kelma t'Alla li huwa l-bażi għall-fidi soda, is-sagramenti li jsaħħuna biex ngħixu

din il-fidi, l-għaqda ta' dawk li jemmnu fi Kristu u r-rispett lejn bnedmin ta' volontà tajba. Dan huwa l-programm prinċipali li għandha d-Djoċesi fil-Missjoni. Dan, ċertament, jinkludi diversi attivitajiet li jagħmlu 'l Kristu viżibili fost il-familji, irħula u għaqdiet. Tagħlim u l-amministrażżjoni tas-sagramenti huma l-bażi ta' kull appostolat u evanġelizzazzjoni ... evanġelizzazzjoni mhux biss ma' dawk li ma "jafux 'l Kristu", imma anki ma' dawk li rċevew il-Magħmudija, imma għandhom bżonn li "jsiru jafu 'l Kristu... fil-ħajja tagħhom ta' kuljum".



L-imħabba tan-nisrani trid turi ruħha wkoll f'kull għajnuna li tgħin lill-bniedem ħalli jkollu ħajja diċenti, fil-libertà, fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tiegħu, tal-possibbiltà li wieħed jikber bit-tagħlim, li jkollu ikel u ilma, possibbiltà ta' kura għal saħħtu ... fi ftit kliem "ħajja xierqa lill-ulied t'Alla".

Hawnhekk ix-xogħol li jsir u li wieħed jixtieq jagħmel ma jispiċċa qatt. Fid-Djoċesi ta' Garissa hemm post kbir għal dan ix-xogħol kollu. Dan hu turija ta' mħabba lejn dawk fil-bżonn li beda jsir mill-bidu, għadu sejjer u wieħed jixtieq li jarah jikber. Qatt ma hu biżżejjed.

Il-pajjiż għandu l-probemi politiċi u soċjali tiegħu li m'humiex żgħar. Il-qagħad huwa kbir, l-edukazzjoni mhux possibbli għal kulħadd, kura medika ... għal dawk li jistgħu jħallsu; l-*Aids* qed tħalli ħafna familji mfarrka, romol u wlied bla ġenituri. Korruzzjoni fil-pajjiż u fil-gvern; l-istess gvern tela' mill-poplu bl-għajta li "inneħħu il-korruzzjoni minn fostna", fil-fatt għadha hemm. In-nuqqas ta' sigurtà taċ-ċittadini hija wkoll frott tal-faqar u l-inġustizzji li l-Knisja tkellmet dwarhom diversi drabi. Problemi oħrajn tan-natura, bħal nixfa, jew f'xi żminijiet, għargħar ma jonqsux.

Dan ma jistax ma jkollux effett kbir ukoll fid-Djoċesi li hija 'l bogħod miċ-ċentru tal-Pajjiż. Jekk il-problemi jeżistu fiż-żoni "żviluppati" tal-pajjiż bħal ma huma Nairobi, Mombasa u f'xi partijiet tal-punent tal-Kenja, wieħed jista' jimmaġina l-effett li għandhom fuq iż-żoni li għadhom neqsin anki minn infrastrutturi neċessarji. Huma problemi soċjali ... **huma problemi umani li l-missjunarju ma jistax jagħlaq għajnejn għalihom.** Għalhekk l-impenn neċessarju tad-Djoċesi li tgħin lil dawk li qegħdin ibatu, b'opri ta' karità. huwa l-mod kif il-Knisja turi l-imħabba tagħha lejn il-fqar mingħajr distinzjoni ta' kulur, razza jew reliġjon; għalhekk il-bżonn ta' skejjel, *clinics, food programmes,* tħaffir ta' bjar, għajnuna lill-bdiewa, eċċ.

Dan hu l-programm tad-Djoċesi li jkompli l-imħabba lejn Alla billi jgħaqqad fil-prattika l-imħabba lejn il-Proxxmu.

***X'inhu s-sehem tal-Patrijiet Frangiksani Kapuċċini Maltin fid-Djoċesi tiegħek?***

Bħalma diġà għedt, kienet il-Provinċja Kapuċċina Maltija li ħadet din ir-responsabbiltà sa mill-bidu. Flimkien ma' missjunarji oħrajn, Sorijiet u lajċi, issawru l-pedamenti tad-Djoċesi li kibret biżżejjed li kien hemm bżonn li tinqasam u hekk minnha ħarġet id-Djoċesi ta' Malindi b'Isqof Kapuċċin ieħor, l-Eċċelenza Tiegħu Francis Baldacchino OFMCap.

Mad-Djoċesi kiber ukoll it-twaqqif ta' l-Ordni Kapuċċin fil-Kenja. Twaqqfet il-Viċi Provinċja tal-Kenja li għandha numru sabiħ ta' Reliġjużi. Dan, ċertament, ġab miegħu impenji ġodda kemm fil-formazzjoni kif ukoll f'partijiet oħra tal-Kenja, 'l bogħod mid-Djoċesi ta' Garissa.

# Lm 609 Offerta b'riżq il-Missjoni

***Il-parroċċa tax-Xagħra, Għawdex, f'ġemellaġġ mad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, tifraħ u tferraħ.***

Għal darba oħra, il-parroċċa tax-Xagħra, Għawdex, kleru u poplu, immexxija mill-Arċipriet Mons. Ewkarist Sultana, juru l-istima tagħhom lejn il-Missjoni u l-ħidma fejjieda tal-missjunarji fid-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja. Il-parroċċa tax-Xagħra hija f'ġemellaġġ mad-Djoċesi ta' l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin.



It-tielet jum tan-novena bi tħejjija għall-festa Marija Bambina 2004 kien iddedikat lill-Evanġelizzazzjoni f'rabta mal-Missjoni tad-Djoċesi ta' Garissa. Fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-jum tan-novena, Patri Leonard Falzon OFMCap f'isem is-Segretarjat tal-Missjoni tal-Kapuċċini mexxa l-Konċelebrazzjoni u rċieva mingħand l-Arċipriet, Mons. Ewkarist Sultana, l-offerta ġeneruża ta' Lm 609 b'riżq il-ħidma missjunarji f'Garissa.

Grazzi mill-qalb lill-Arċipriet, il-Kleru u l-poplu tax-Xagħra għall-ġenerożita tagħhom favur dawk fil-bżonn fil-Missjoni.



*Mons. Pawlu Darmanin , iċ-Ċelebrant prinċipali, f'għeluq il-Kapitlu Straordinarju li sar fi Frar 2004, f'Langata, il-Kenja.*

Preżentement in-numru tal-aħwa Kapuċċini fid-djoċesi huwa żgħir ħafna. Fil-fatt huma resposabbli minn parroċċa waħda biss, dik ta' Hola, fejn hemm erba' Kapuċċini, tnejn minnhom Maltin, Fr Joe Galea u Fr Spiridion Galea minn Għawdex, u Br John Cassar OFMCap., li qiegħed jgħin lili Garissa, filwaqt li jagħmel ukoll xogħol pastorali fil-parroċċa, speċjalment fiż-żona ta' Madogo u Mororo.

***Żgur li jkun hawn min ikun jixtieq jagħmel xi żmien fit-tul ta' ħidma f'art tal-Missjoni. X'inhuma l-possibbilitajiet li toffru biex lajċi jkunu jistgħu jagħmlu din l-esperjenza?***

Il-vokazzjoni missjunarja hija l-istess vokazzjoni tal-Knisja Universali ... il-lajċi wkoll huma msejħin għal din il-vokazzjoni. Preżentement fid-Djoċesi għandna anki missjunarji Lajċi **lokali.** Dawn il-missjunarji lajċi, mingħajr ma jħallu pajjiżhom, jagħżlu li jgħixu u jgħinu f'postijiet fejn jistgħu jgħinu lill-oħrajn bi spirtu ta' sagrifiċċju ... bi spirtu missjunarju ... **huwa verament missjunarji.** Fid-Djoċesi qegħdin jaħdmu mal *handicapped* nies b'diżabbilità, fil-parroċċa ta' Wajir. Huma individwi li bil-professjoni li għandhom jistgħu jaħdmu f'postijiet iżjed faċli u li jagħmlu karriera. Dawn joffru ħidma ta' sentejn li ħafna drabi jġedduha. Jien kuntent ħafna bihom u bid-dedikazzjoni li għandhom.

Malta wkoll hemm organizzazjonijiet missjunarji li jagħtu preparazzjoni u għajnuna lil dawk li jkunu jħossu li għandhom din il-vokazzjoni u jkunu jridu jirrispondu għaliha; fosthom hemm il-VLM li għenu wkoll fil-Missjoni bil-lajċi missjunarji li ppreparaw u bagħtu. Jalla jkunu ħafna li jirrispondu għall-vokazzjoni missjunarja, kemm fost saċerdoti-reliġjużi rġiel-nisa u lajċi ... il-ħsad huwa kbir!

***X'taħseb li huma l-elementi importanti li jagħmlu missjunarju veru?***

Nemmen li hija vokazzjoni li hija diġà inkluża fil-magħmudija. Min hu parti mill-Knisja huwa wkoll parti minn Knisja missjunarja. L-impenn prinċipali u uniku tal-Knisja huwa dak missjunarju.

Jekk in-nisrani jkun miftuħ għall-ispirtu, huwa l-Mulej li jmexxi l-individwu fil-pjanijiet tiegħu. Trid il-volontà t'Alla ... li tkun vokazzjoni motivata mill-imħabba li għandu Alla li "juri lilu innifsu" lil kulħadd, mill-"ħeġġa li għandu Alla" li jaqsam lilu nnifsu magħna u ma' min ikun jafu. Dan hu l-iskop prinċipali u uniku, kif ukoll il-"mutur" li jagħti s-saħħa lil kull ħajja missjunarja, is-salvazzjoni tal-bniedem kollu kemm hu fi Kristu.

Ċert, spirtu ta' sagrifiċċju huwa importanti ħafna biex tirrispondi għal din il-vokazzjoni. Il-missjunarju ma jmutx bil-ġuħ, jiċħu l kura biex ma jimradx, għandu dejjem x'jilbes, għandu sodda fejn jorqod ... però jgħix mal-morda, jaqsam il-bżonijiet tal-fqar, jirriskja ħajtu bħan-nies ta' madwaru, irid jaddatta ruħu għall kondizzjonijiet differenti minn dawk li għandu f'pajjiżu ... irid jirriskja ... mhux b'avventura, imma b'imħabba u fiduċja fil-Missier, Missier tiegħu u ta' dawk li qiegħed magħhom f'ismu.

***Naħseb li jkun xieraq li tgħaddi l-aħħar kelma lill-qarrejja ta' din ir-rivista. X'inhu l-messaġġ tiegħek għalihom?***

Inkunu missjunarji kull fejn qegħdin u f'kull vokazzjoni li aħna msejħa għaliha. ❑

Joe Attard (Coach)

# Lejn Alla bl-isport (7)

Jien forsi magħruf bħala kowċ tal-futbol, imma nħobb l-isport kollu. Inħobb nipprattika ħafna logħob li jirrikjedi sforz fiżiku. Inħobb ir-*rugby, table-tennis, volleyball, basketball* u anki ġieli lgħabt il-*hockey*. Illum nixtieq nitkellem kif it-*Tennis* ressaqni aktar lejn Alla. Ma nqisx ruħi bħala xi plejer tajjeb ħafna, imma nħobb nilgħab ma' plejers tal-livell tiegħi.

F'din il-logħba, il-plejers tajbin jilagħbu għar-*ranking points*, jiġifieri jilagħbu biex jakkwistaw il-punti f'kull logħba li jilagħbu f'*tournaments* ikklassifikati bħala *'Ranking Tournaments'*. Aktar ma javvanzaw fit-*tournament* aktar jirbħu punti u b'hekk jitilgħu aktar 'il fuq fil-klassifika. Li tkun in-numru wieħed fit-*Tennis* hu unur kbir u anki jġib miegħu profitt monitarju. Id-ditti l-kbar jisponsorjaw lil dawn il-plejers biex jilbsu l-ilbies tagħhom u jużaw il-pala tat-*Tennis* ta' dik id-ditta, b'hekk iservu ta' riklam għalihom. B'hekk il-plejers jagħmlu ħilithom kollha biex jirbħu l-logħob tagħhom biex ikunu rrankjati fl-ogħla postijiet biex idaħħlu ħafna flus barra li jirbħu l-unuri li joffri t-*Tennis*.

Fil-ħajja spiritwali tagħna wkoll għandna naħdmu biex nakkwistaw il-punti biex niksbu l-ogħla post ma' Ġesù fil-ġenna. It-*tournament* li nikkompetu fih hu tul ħajjitna kollha. Ix-xogħol jew professjoni li nagħmlu hu l-mezz li nirbħu ir-*ranking points* spiritwali. Kulħadd jista' jirbaħ dawn il-punti billi jagħmel xogħlu tajjeb, sew jekk ix-xogħol ikun manwali, sew mentali. Aħna l-kattoliċi nibdew ix-xogħol tagħna bir-radd tas-Salib, anki fil-logħob tara ħafna plejers iroddu s-Salib qabel jibdew xi logħba. Din il-prattika qaddisa għandha tfisser li kull ma nagħmlu, nagħmluh b'imħabba lejn Alla u nagħmluh mill-aħjar li nistgħu.

Biex nagħti eżempji: mara tad-dar waqt it-tindif taħseb li ġej Ġesù biex jara l-familja tagħha. Għadni niftakar meta ommi kienet tipprepara d-dar għax ġej il-kappillan biex ibierek. Kemm kienet tnaddaf tajjeb biex tilqa' lill-qassis fit-tberik. Min jaf x'kienet tagħmel kieku kien ġej Ġesù biex ibierek id-dar. Ir-raġel li jmur għax-xogħol għandu jaħseb li xogħlu se jagħmlu għal Ġesù. Ma naħsibx li kieku Ġesù qabbadhom jaħdmu għalih kienu se jiskartaw jew jaħdmu kif ġie ġie. It-tabib li jmur jara lil xi pazjent jew pazjenta iqis ruħu li sejjer jara lil Ġesù. Il-ħaddiem taċ-Ċivil iqis li jkun qed iservi lil Ġesù meta jkun qed jaqdi lil xi ħadd li mar għal xi servizz jew għal xi parir. Jekk nibqa' sejjer hekk, insemmi l-professjonijiet kollha. Biex inkun fil-qasir, nagħmlu kollox daqslikieku qed nagħmluh għal Ġesù u b'hekk niksbu dawk il-punti neċessarji biex nirbħu l-premju ta' l-ewwel post ħdejn dak li nkunu ħdimna għalih: Ġesù.

### Riflessjoni:

Meta nibdew xi xogħol, ikun xi jkun dan ix-xogħol, għandna naħsbu li se naħdmu għal Ġesù u nagħmlu xogħolna daqslikieku qed nagħmluh għaliH biss u għax ikun qabbadna Hu. Kieku nagħmlu hekk, nagħmlu kollox bl-imħabba u ma niddejqu qatt, għax meta tħobb xi ħaġa ma tiddejjaqx tagħmilha. ❑



P. Joe Buttigieg OFMCap

# SARDI

## Il-Belt ta' Esopu

Il-belt ta' Sardi għandha storja qadima ħafna. L-ewwel ħjiel ta' ħidmet il-bniedem f'dawn l-inħawi huwa taż-żmien Paleolitiku madwar 50,000 sena qabel Kristu. Hija tinsab f'riġlejn il-muntanji Tmolus u tħares fuq wita kbira lix-xmara Ermus, bl-ilmijiet tagħha, ħolqot bħajra mill-isbaħ tal-art ta' ma' l-idwar. L-ilmijiet ta' din ix-xmara kienu jġorru magħhom trab tad-deheb li bih stagħniet in-nies li ħakmu lil din il-belt. Mhux ta' b'xejn kienet belt għanja ħafna. Il-muntanji kienu jdawruha minn tliet bnadi u t-triq li kienet twassal għal ġewwa fiha kienet waħda dejqa ħafna hekk li kienet imħarsa tajjeb b'mod l-iżjed naturali. Ma kienx faċli li wieħed jirbaħha f'każ ta' xi attakk.

Minħabba li tinsab fuq ***via regia***, it-triq li kienet tgħaqqad Efesu ma' Susa, hawn kienu jiltaqgħu t-toroq kummerċjali ewlenin.

Lejn tmiem it-Tieni Millenju q.K. f'Sardi nsibu komunità ta' nies, imsejħa "Ulied Eraklitu", li skond l-istoriku Grieg Eroditu waqfu dinastija, imsejħa Mermnadi, li damet taħkem hawn, minn missier għal iben, madwar 505 snin. Kienu jaħkmu mill-baħar Eġew sa nofs l-Anatolja.

L-istess storiku Eroditu jgħid ukoll li kienu r-rejiet Lidjani li vvinataw il-flus f'munita u id-dfin irjali msejjaħ 'Ben Tepe', li hu ta' forma ta' għolja tal-ħamrija.

Imbagħad insibu li Ċiru l-Kbir fis-sena 547 q.K. ħataf lil Sardi u din baqgħet taħt il-ħakma tal-Persjani sas-sena 334 q.K. meta ġiet maħtufa minn Alessandru l-Kbir. Il-belt kompliet tikber taħt il-ħakma ta' l-Ellenisti u dik Rumana. Xiehda ta' dawn iċ-ċiviltajiet huma t-tempju ambizzjuż ta' Artemis, li kien jiġbed lejh ħafna devoti ta' din l-alla mara tal-fertilità, u l-kumpless tal-banijiet u l-ġinnażju. Hekk li Sardi kienet tagħmel sehem mill-ibliet distinti tal-Asja ż-Żgħira kollha. Kien f'dawn iż-żminijiet li twieled Esopu magħruf sallum għall-ħrejjef mimlija tagħlim tiegħu.

Fis-sena 17 w.K. din il-belt sfat meqruda minn terrimot qawwi ħafna, u qatt iżjed ma reġgħet stejqret. Iktar tard l-imperatur Tiberju Ċesari reġa' bnieha xi ftit u kienet saret magħrufa għall-qima tagħha lejn l-alla mara Kibele, li kienet imsejħa 'omm ta' l-allat'. Imma fis-sewwa kollha ma kien baqgħalha xejn minn dik il-glorja ta' l-imgħoddi tagħha. Kien baqgħalha biss isem, imma fl-istess ħin kienet qed tmut! Kien biss minħabba il-qagħda tagħha li baqgħet post ta' ċerta importanża għal dak li hu kummerċ.

Illum it-triq li mill-belt ta' Iżmir tieħu lejn Ankara, il-belt kapitali tat-Turkija, meta tgħaddi minn Sardi, taqsamha fi tnejn. Wieħed għadu jista' jara' parti mit-triq il-qadima li tagħmel sehem mis-sejbiet sbieħ u ta' interess li toffri żjara lil din il-belt.

Ix-xogħol ta' tfittix beda mill-*Harvard-Cornell Expedition*, u mill-1958 sallum ġew imqiegħda f'inventarju 'l fuq minn 11,000 biċċa ta' fdalijiet. L-iżjed importanti,





bħalma huma mużajċi rumani, skultura, elmu tas-seklu VI q.K., u fuħħar ieħor ta' żminijiet diversi, l-aktar tazzi ta' żmien il-Lidjani, ġew imqiegħda għall-wiri fil-mużew ta' Manisa.

Il-ħwienet Biżantini, il-kumpless tal-bannijiet u l-ġinnażju huma fuq naħa waħda tat-triq. Fuq in-naħa l-oħra hemm il-fdalijiet tat-teatru, u iktar lil hemm, il-fdalijiet tat-tempju ta' Artemis. Mhux 'il bogħod minn dan it-tempju, u saħansitra fit-tempju stess, insibu fdalijiet sbieħ u ta' importanza kbira ta' żewġ knejjes insara.

Jidher ċar li f'din il-belt ta' Sardi kien hemm komunità kbira ta' Lhud. Parti mill-kumpless li kien jinkludi fih il-ġinnażju ġiet mibdula f'Sinagoga li mill-fdalijiet ta' irħam, mużajk, flimkien mad-daqs tagħha jagħtu x'jifhem il-kobor u l-għana ta' din il-komunità Lhudija. Din is-Sinagoga hija l-ikbar waħda minn tal-bidu li nstabu fil-mediterran.

Ma nafux eżatt il-mument li fih twieldet hawn il-Knisja ta' Sardi. Il-fatt li tissemma biss fil-Ktieb ta' l-Apokalissi jagħtina x'nifhmu li l-ewwel evanġelizzaturi li waslu hawn kienu mill-hekk imsejħa komunità ta' San Ġwann.

L-ittra lill-anġlu tal-Knisja f'Sardi, għalkemm hija waħda qasira, turi l-qagħda tal-Knisja lejn tmiem l-Ewwel Seklu wara Kristu. Jekk għall-Knisja f'Iżmir il-profeta jgħid li kienet mejta imma issa hija ħajja, għall-Knisja f'Sardi l-istess profeta jgħid li kienet ħajja imma issa hija mejta.

Din l-ittra titkellem mit-tifkiriet storiċi tal-belt. L-ebda belt oħra fl-Asja ż-Żgħira kollha ma kellha żmien hekk sabiħ bħal din il-belt. Imma l-fiduċja żejda fiha nnifisha wasslitha għall-qerda tagħha stess. Hekk li l-istorja tal-komunità nisranija hija replika ta' l-istorja ta' niket tal-belt li juri li l-karattru tan-nies tagħha baqa' l-istess.

L-ittra salvat lill-preżenza nisranija hawnhekk għal żmien. Dan jixhdu l-fatt li l-isqof ta' Sardi kien metropolita tal-Lidja u s-sitt wieħed fl-ordni tal-preċedenza fost l-isfqijiet li kienu jiddependu minn Kostantinopli.

Fit-Tieni Seklu nsibu fost il-komunità nisranija l-hekk imsejħa ***Kultura Ażjatika*** li mhux dejjem kellha riżultati tajbin, bħal ma hu l-Istojċiżmu, il-materjaliżmu teoloġiku li jara fl-umanità ta' Kristu l-wiċċ uman ta' Alla (antropomorfiżmu). Ideat oħra kienu fuq is-saltna messjanika t'Elf Sena (millennjariżmu) qabel il-ġudizju universali, u l-kwistjoni bla taqta' dwar jekk l-Għid il-Kbir għandux jiġi ċċelebrat nhar l-14 il-jum ta' l-ewwel qamar tar-rebbiegħa, l-14 tax-xahar ta' Nisan.

Imma l-ġieħ kbir tal-Knisja f'Sardi huwa l-isqof u duttur Melitone lejn tmien it-tieni seklu w.K. L-ewwel storiku tal-Knisja, Ewsebju ta' Ċesarija, isejjaħlu "għal kollox ħaj fl-Ispirtu s Santu". Mill ftit kitba li wasslitilna nistgħu naraw f'liema qagħda kienet il-Knisja f'dan iż-żmien, jiġifieri l-konfront kontinwu mal-komunità Lhudija, u problemi ta' karattru ekkleżjoloġiku (il-Montaniżmu).

Wara l-mewt ta' Melitone, li ġie midfun hawn, it-tagħrif dwar il-Knisja t'hawn isir dejjem iżjed rari. Nafu bi ftit ismijiet ta' isqfijiet bħalma hu Artemidoru li ħa sehem fil-Konċilju ta' Niċea (325), Majanu (431), Fjorenżju (449), Ajterju (450), u fl-aħħar Ġuljanu (553). Wara dawn, il-komunità nisranija, bil-mod il-mod, għebet għal kollox.

Il-belt ta' Sardi, illum Sart, mhix għajr raħal żgħir.

Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IT-TMINTAX-IL PARTI

***F'din il-ħarġa se nkomplu l-mawra tagħna fl-imqades tagħna sabiex inkomplu niltaqgħu ma' izjed kwadri jew statwi tal-qaddis minn Assisi. Fil-fatt se nżuru l-kappella tal-monasteru tas-Sorijiet Klarissi f'San Ġiljan, il-knisja parrokkjali ta' San Ġwann u kappella ta' San Ġiljan fil-belt ta' Senglea.***





Fil-kappella tal-monasteru tas-*Sorijiet Klarissi* li jinsab fi Triq Reġjonali f'San Ġiljan, naraw statwa tal-qaddis. L-istatwa tal-qaddis ġġibu quddiem għajnejna b'id waħda jżomm is-salib ma' sidru biex turina kemm fehem il-misteru ta' Kristu li jsalva permezz ta' l-għuda qaddisa. Fl-id l-oħra għandu ktieb li hemm miktub il-kliem bil-Latin *"Deus meus et omnia"* jiġifieri li għalih it-tifsira ta' dak kollu li kellu f'ħajtu kien Alla nnifsu.

Ma tantx irnexxieli nikseb tagħrif dwar l-oriġini ta' l-istatwa f'din il-kappella. Li hu żgur hu li skond plakka żgħira li hemm ma' wieħed mill-ġnub li hemm fil-bażi ta' l-istatwa, din inħadmet l-Italja u hi kopja ta' statwa artistika maħduma minn Andrea della Robbia (1435-1525). Din tinsab fil-*Cappella del Transito* fil-Knisja ta' Santa Marija ta' l Anġli f'Assisi. Mill bqija ma rnexxilix insib min ħadimha u d-data meta saret għalkemm is-Sorijiet dejjem jiftakruha f'din il-kappella. Għalhekk jista' jkun li ilha fil-kappella għal żmien twil.

Fil-*knisja parrokkjali* ta' *San Ġwann* iddedikata lil Sidtna Marija ta' Lourdes, insibu pittura ta' San Franġisk magħmula mill-artist Karkariż Ġużeppi Briffa, li għamel il-kwadru titulari ta' l-istess knisja. Dan sar fl-1961 flimkien ma' kwadru ieħor li jinsab fuq l-altar tal-Kurċifiss fl-istess knisja parrokkjali. Il-kwadru juri lil San Franġisk qed ibierek lill-qaddisin protetturi ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Hu fatt interessanti li dawn iż-żewġ qaddisin m'humiex liebsa l-ħwejjeġ ta' slaten izda l-artist pittirhom biċ-ċoqqa Franġiskana Kapuċċina. Din hi xi ħaġa mhux komuni fl-ikonografija Franġiskana lokali.

It-tliet twieqi li hemm fil-faċċata tal-knisja saru fit-18 ta' Mejju 1960. Il-ħġieġ tagħhom hu *stained glass* u nistgħu nilmħu l-figura ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fin-nofs bħala



protettriċi ta' l-Ordni Franġiskan. Fuq il-lemin tax-xbieha tal-Madonna hemm San Franġisk t'Assisi, filwaqt li fuq ix-xellug hemm il-Beatu Ġwann Duns Scotus, li kien Patri Franġiskan li ddefenda bil-qawwa kollha dan il-misteru fil-ħajja ta' Ommna Marija. Ix-xogħol sar fuq disinn tas-Sur G. Galea u sewa s-somma ta' 257 lira sterlina.



Ġużeppi Debono ħallas għall-istatwa ta' San Franġisk li nħadmet fl-injam mid-ditta Perathoner ta' Bolzano. In-niċċa tagħha saret minn Ġużeppi Desira mill-Fgura, li ħadem ukoll in-niċċa ta' San Ġużepp għall-istess Knisja.

It-tagħrif dwar dawn ix-xogħlijiet li jiru lil San Franġisk t'Assisi f'din il-knisja parrokkjali ħadtu mill-ktieb ta' Patri Donat Spiteri OFMCap, bl-isem ta' *"Il-Parroċċa ta' San Ġwann"* (1991) u dak miktub mis-Sur Philip Xuereb dwar *"Ġużeppi Briffa, pittur Karkariż 100 Sena minn Twelidu"* (2001).

Fil-Belt ta' *Senglea* nsibu l-kappella dedikata lil *San Ġiljan*. Din li hemm illum mhijiex l-ewwel kappella li nbniet f'dan il-lokal iddedikata lil dan il-qaddis. Fil-fatt fl-1311, meta Malta kienet taħt il-ħakma ta' l-Aragoniżi, inbniet kappella li kellha wkoll ċimiterju magħha. Din il-kappella twaqqgħet u reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1539 bi flus il-Kavallier Fra Diego Perez De Malfreire. Iżda wara t-terremot ta' Jannar 1693 meta l-kappella ġarrbet ħsarat kbar, ġie deċiż li terġa' titwaqqa' u tinbena mill-ġdid. Il-bini tlesta għal kollox fl-1712.

Fost il-kwadri u statwi li nsibu f'din il-kappella naraw statwa ta' San Franġisk t'Assisi. Din l-istatwa mhuwiex magħruf meta setgħet saret jew min għamilha. Iżda jista' jkun li nħadmet f'dawn l-aħħar erbgħin sena u setgħet intużat bħala forma biex fuqha jsiru statwi oħrajn. Fil-fatt l-istatwa hi maħduma fil-ġibs. L-istatwa ta' Sant'Antnin ta' Padova li tinsab faċċata tagħha tidher li hi ta' l-istess artist. In-niċeċ li jinsabu fihom dawn l-istatwi żgur li ma kinux jeżistu meta nbniet il-kappella. Hu maħsub li dawn tħaffru iżjed tard.

Tajjeb illi ngħidu li f'din il-kappella, fost il ħafna għaqdiet reliġjużi li twaqqfu mas-snin, kien hemm it-Terż'Ordni Franġiskan. Hu żgur li lejn is-sena 1917, din ix-xirka kienet twaqqfet. Dan hu magħruf mill-fatt li l-assistent spiritwali tat-Terz'Ordni f'din il-kappella ma kien ħadd għajr l-Isqof Mons. Emmanuel Galea, li dak iż-żmien kien għadu qassis.



Hawnhekk nixtieq inrodd ħajr lis-Sur Fabian Mangion li għaddieli din l-informazzjoni dwar din il-kappella u l-istatwa ta' San Frangisk li nsibu fiha. ❑

P. William Axiaq OFMCap

# Inħossni taparsi miżżewġa!



Fr, jiena mara ta' pilota ta' l-ajruplani. Meta tfajt għajnejja l-ewwel darba fuq żewġi u mort ngħid lill-ġenituri bil-biċċa, qaluli li ma' dak il-ġuvni għad ikolli ħajja iebsa, ġaladarba qed jistudja għal bdott. Jiena ma tajtx kashom, mitlufa kif kont għal warajh. Għidtilhom li l-imħabba kapaċi tirbaħ kollox. Illum ġejt fi kliemhom. It-*time-table* ta' żewġi tant tvarja, tant hija instabbli u imprevedibbli (ma tobsorhiex minn qabel), li ma niflaħx iżjed għall-għamla ta' ħajja li qed ngħix. Qed narani taparsi miżżewġa. Narana li ma aħniex ngħixu ż-żwieġ li dħalna għalih. Tista' tgħidli kif irrid inġib ruħi f'sitwazzjoni bħal din, għax xbajt?

Ta' kuljum, jew ta' spiss, iweġġa' r-ras, ngħidu bil-Malti. Dan li qed jiġri fil-ħajja miżżewġa tiegħek. Il-fatt li żewġek huwa pilota ta' l-ajruplani, u din il-ħidma titlob disponibbiltà kbira għal kull eventwalità li tista' tinqala' fix-*schedules* tal-mitjar, dan kollu jħalli l-konsegwenzi tiegħu fuq ir-relazzjonijiet ta' bejnietkom bħala koppja miżżewġa u bħala ġenituri, jekk għandkom l-ulied, li inti ma semmejthomx fl-ittra tiegħek. Ma jistax jonqos li jiġri hekk.

Il-verità li żewġek filli jiġi d-dar bil-ħsieb li se joqgħod bi kwietu miegħek, u filli jċemplulu biex imur l-ajruport, għax tkun inqalgħet titjira bla ħsieb ta' xejn, dan iqalleb il-ħajja miżżewġa tagħkom u joħolqilha ċerti problemi. Intom għandkom bżonn tal-ħin, u ħin twil, għal xulxin, u x-xogħol ta' żewġek mhux dejjem jissodisfa dan il-bżonn psikoloġiku, iżjed u iżjed fejn tidħol il-komunikazjoni u l-ħruġ flimkien.

L-għamla ta' ħajja li fissirtli qiegħda tagħmlek nervuża u preokkupata. Barra minn hekk, qiegħda toħloqlok konflitti fiż-żwieġ tiegħek. Huma tliet konsegwenzi li trid tieħu ħsiebhom, għax għandhom mill-kamla fiż-żwieġ.

Fil-ħajja kulħadd għandu xi piż xi jġorr. Dan hu t-toqol tiegħek: raġel bdott. Trid taċċetta dan il-fatt bil-kalma, b'dak kollu li jista' jġib miegħu, u tikkontenta ruħek bil-mitluf biex minnu tieħu li tista'. Hawn miżżewġin li ma għandhomx ħin biżżejjed għal xulxin, għax għandhom tifel/tifla disabilitati u tgħidx kemm iridu ħin għalih/għaliha. Iridu joqogħdu magħhom kontinwament, bi skapitu, b'dannu għar-relazzjonijiet ta' bejniethom bħala koppja miżżewġa.

Il-każ tiegħek isolvi xi ftit ruħu billi tifhimha li trid tadatta ruħek għal żewġek u għat-tip ta' xogħol li għandu. Id-diffikultà tiegħek hija żgur id-diffikultà tiegħu. Mhux b'gost tiegħu li qed jiġri hekk. Minħabba f'hekk, ara kif tkellmu, ara x'tgħidlu biex ma tweġġgħalux is-sentimenti tiegħu.

Aħdem ħalli r-relazzjonijiet meqjusa ta' bejnietkom ikunu tassew kwalitattivi. B'hekk jirnexxilek issolvi b'xi mod il-konflitt bejn iż-żwieġ tagħkom u l-orarju ta' l-ajruport, u ssir inqas nervuża u ffrustrata, bħalma int fil preżent. B'hekk, iż-żwieġ tagħkom qatt ma jiġri li jaqa' mill-għoli tiegħu, għax tkun tgħallimt taqrah u tgħixu fir-realtà tal-ħajja tiegħek b'ħafna maturità u umoriżmu, bla ma tibża' mis-sofferenza li jista' jippreżentalek.

Naħseb li l-vantaġġi li jgawdi r-raġel tiegħek ġaladarba huwa pilota, tgawdihom inti wkoll. Kieku ma kontx miżżewġa lilu imma 'l ħaddieħor, ma kienx ikollok il possibbiltajiet kollha li ħaddieħor ma għandux. Fil ħajja hekk, tobgħod ħaġa u tħobb oħra. Ma jistax ikollna kollox. Jekk taċċetta din il-verità, il-każ tiegħek ma jibqax daqshekk drastiku bħalma hu sa llum. ❑

P. Philip Cutajar OFMCap

# Il-Ħidma Pastorali tas-Saħħa fil-Knisja Kubana

## L-EWWEL PARTI

***Permezz ta' din il-kitba nixtieq naqsam magħkom l-esperjenza li qed inwettaq bħala missjunarju f'Kuba speċjalment fil-qasam tas-saħħa, bl-għajnuna li qed nagħtu lill-morda fuq livell djoċesan u anki fuq livell parrokkjali. Peress li bħala delegat ta' l-Isqof, għandi fir-responsabbiltà tiegħi l-ħidma pastorali mal-morda kollha tad-djoċesi, niddedika ħafna mill-ħin tiegħi naħdem f'dan il-qasam li huwa tant għal qalbi kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala Franġiskan-Kapuċċin.***

Ix-xogħol pastorali li se nitkellem dwaru u li se naqsmu f'sitt punti huwa msejjaħ **"Pastorali tas-Saħħa"** u mhux daqstant "Pastorali mal-Morda". U għal dan hemm spjegazzjoni li nixtieq nippreżentaha fl-introduzzjoni sabiex tgħin lill-qarrej ta' dawn l-artikli. Il-pastorali tagħna hija msejħa "Pastorali tas-Saħħa" għaliex fix-xogħol tagħna ma nagħtux biss attenzjoni lill-morda, imma wkoll lit-tobba, *nurses* flimkien mal-bqija tal-ħaddiema li jaħdmu mal-marid. Fix-xogħol pastorali tagħna nagħtu wkoll attenzjoni lill-familja tal-marid għax nafu li fid-dar fejn hemm marid dan jolqot u jaffettwa lill-familja kollha, u l-familja tista' u għandha tkun ta' għajnuna kbira għall-marid innifsu. Għalhekk il-pastorali tagħna tinferex mhux biss mal-morda, imma wkoll ma' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jiġu u qegħdin f'kuntatt mal-morda. U l-iskop tagħna mhuwiex limitat li nassistu mal-marid, imma wisq iżjed li ngħinuh jirkupra s-saħħa mitlufa mhux biss fuq livell materjali u fiżiku imma ukoll wisq iżjed fuq livell spiritwali, psikoloġiku u emozzjonali. Huwa għalhekk li nippreferu nsejħu l-pastorali tagħna bħala "Pastorali tas-Saħħa" li hija aktar pożittiva u eżatta fit-tifsiriet tagħha.





## 1. Sitwazzjoni politika, Kulturali u reliġjuża

Meta wieħed jiġi biex jikteb jew jitkellem mill-ħidma pastorali li l-Knisja qed twettaq f'Kuba jrid qabel xejn jifhem is-sitwazzjoni politika, kulturali u reliġjża preżenti f'dan il-pajjiż. Kuba huwa pajjiż maħkum minn sistema komunista marxista atea fejn il-gvern, immexxi minn Fidel Castro, ma jagħti l-ebda spazju uffiċjali lill-Knisja Kattolika sabiex twettaq bil-liberta kollha l-ħidma pastorali tagħha speċjalment fil-qasam ta' l-edukazzjoni, ta' komunikazzjoni soċjali u tas-saħħa. B'konsegwenza ta' dan fil-pajjiż inħolqot kultura atea mneżża' minn dawk il-valuri li l-Evanġelju u t-tagħlim tal-Knisja jagħtuna.

Meta nitkellmu mill-aspett ta' l-edukazzjoni, il-Knisja l-uniku kuntatt li għandha mat-tfal, iż-żgħażagħ u adulti huwa s-siegħa ta' katekiżmu fil-ġimgħa u l-mumenti tas-Sagramenti, speċjalment il-Quddies u l-Qrar għal dawk li jattendu fil-knejjes tagħna. Kuntatt limitat ieħor li għandha l-Knisja fil-qasam ta' l-edukazzjoni huwa r-rivisti fotkopjati li tippubblika. Il Knisja f'Kuba m'għandha l-ebda permess li żżomm stamperija għall-pubblikazzjonijiet tagħha, lanqas radju jew spazju fuq xi kanal tat-televizjoni. B'konsegwenza ta' dan ikollha tinqeda bil *photocopiers* jew b'rivisti u kotba li jiġu stampati f'pajjiżi oħra bil-lingwa spanjola sabiex ixxandar il-Bxara t-Tajba u tagħti formazzjoni nisranija. Mal-bidu tar-revoluzzjoni, l-iskejjel li kellha l-Knisja f'Kuba, speċjalment l-Ordnijiet Reliġjużi ġew kollha konfiskati mill gvern revoluzzjonarju.

L-istess ġara mill-isptarijiet li kellha l-Knisja f'Kuba qabel is-sena 1959, 45 sena ilu. Il-gvern revoluzzjonarju kkonfiska l-isptarijiet kollha privati u nnazzjonalizza is-sistema tas-saħħa. F'Kuba l-Knisja Kattolika għandha biss disat idjar għall-anzjani mmexxija mir-reliġjużi. Fil-preżent m'għandha l-ebda sptar jew klinika. Iżda mill-viżta tal-Papa 'l hawn (Jannar 1998) lilna s-saċerdoti qed iħalluna nidħlu nżuru l-morda u niċċelebraw is-sagrament tal-morda meta dawn isejħulna. Qabel kienet xi ħaġa diffiċli, kważi impossibli, illum hija tollerata l-viżta ta' saċerdot lill-morda fl-isptarijiet immexxija kollha mill-gvern.

Madanakollu l-Knisja f'Kuba dejjem fittxet li tkun qrib il-morda, l-anzjani u l-moribondi bil-għan li ssegwi lil Kristu, timitah u fuq kollox twettaq il-mandat li ħallielha. Għal matul 45 sena ta' revoluzzjoni marxista atea nistgħu ngħidu li l-uniku bieb li l-Knisja kellha u għad għandha miftuħ kien u għadu biss dak li s-saċerdoti jżuru lill-morda speċjalment fid-djar tagħhom. Għal kwazi aktar minn 30 sena (1959-1989) il-knejjes żvojtaw min-nies għax minħabba l-biża' li jiġu kkastigati mill-gvern ħadd ma kien jissogra jersaq lejn il-bieb ta' knisja kattolika. Għalhekk għal snin twal l-uniku kuntatt li s-saċerdot kien għad fadallu kien dak biss meta, baxx baxx u bil-moħbi, kien jiġi msejjaħ sabiex jiċċelebra xi sagrament, bħal magħmudija, qrar, tqarbin u dak tad-dilka tal-morda fid-djar ta' l-insara li bi ftit kuraġġ kienu jissugraw isejħu lis-saċerdot. Għal snin twal il-Knisja f'Kuba kienet dik tal-katakombi, bil-moħbi twettaq il-ħidma tagħha fi sforz kontinwu sabiex tibqa' preżenti man-nies ta' rieda tajba. Meta l-Knisja f'Kuba limitata kif kienet fil-ħidma tagħha skopriet li l-pastorali sanitarja kien l-uniku bieb aċċessibli, fittxet li torganizza u taddatta din il-ħidma bil-għan li tkun qrib man-nies li qed ibatu u jsofru minħabba l-mard tagħhom. ❑

# L-Ewwel Djaknu Kuban

***Ħuna RAUL PERÉZ VASALLO huwa l-ewwel kapuċċin Kuban li qed joqrob sabiex isir saċerdot. Nhar it-18 ta' Mejju 2004, festa ta' San Feliċ minn Cantalice, għamel il-Professjoni perpetwa tiegħu f'idejn is-Superjur tad-delegazzjoni ta' Kuba, ħuna Patri Gregorio Galvarez, filwaqt li nhar is-16 ta' Lulju, festa tal-Modonna tal-Karmnu, irċieva l-ordinazzjoni tad-djakonat minn idejn l-Isqof ta' Cienfuegos Mons. Emeilito Avengura.***



*Fir-ritratt jidher id-djaknu Kuban Fra Raul Peréz Vasallo flimkien ma' l-Isqof Mons Emelito Avengura (fuq il-lemin) u flimkien ma' Patri Gregorio Għlvarez, is-Superjur tal-Missjoni f'Kuba u Patri Philip Cutajar (fuq ix-xellug).*

Ħuna Raul twieled 32 sena ilu f'Rodas, muniċipio tal-Provinċja ta' Cienfuegos madwar 100 kilometru 'l bogħod minn Santa Clara. Huwa t-tieni wieħed minn fost erbat aħwa. Twieled u għex f'familja fqira, imma kattolika fejn irċieva l-ewwel edukazzjoni nisranija li għenitu sabiex meta l-Mulej sejjaħlu huwa b'ġenerożità ta tweġiba pożittiva. F'żogħżitu Raul għadda minn esperjenzi iebsa b'konsegwenza tal-ħakma komunista fil-pajjiż fejn saħansitra sofra l-ħabs fuq suspetti kontra r-revoluzzjoni. Wara tliet snin bħala postulant fil-kunvent ta' Cristo de Limpias li għandna f'La Habana, għadda s-sena tan-novizzjat fil-provinċja ta' Kastilja fi Spanja. Meta rritorna minn Spanja kompla l-istudju tal-filosofija u t-teoloġija fis-seminarju ta' l-Arċidjoċesi ta' La Habana. Issa qed jipprepara sabiex jiġi ordnat saċerdot nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru 2004, festa ta' San Franġisk.

Ħuna Raul se jkun l-ewwel saċerdot kapuċċin Kuban f'Kuba. Barra Kuba hemm diġà saċerdoti kapuċċini li twieldu f'Kuba, iżda fi tfulithom ħarbu mill-pajjiż flimkien mal-familji tagħhom minħabba r-reġim komunista. Fost dawn hemm il-Provinċjal preżenti tal-Provinċja ta' California fl-Amerika. Il ħidma vokazzjonali f'Kuba għaddiet minn żminijiet diffiċli, iżda bħalissa, speċjalment mill-viżta tal-Papa f'Kuba, ħames snin ilu, il-prospetti huma pożittivi. Fil-preżent aħna, bħala kapuċċini, għandna żewġ postulanti, it-tnejn huma minn Santa Clara u t-tnejn għamlu esperjenza tal-karizma tagħna billi għexu qrib tagħna bħala abbatini u membri fil-kor parrokkjali taż-żgħażagħ. Il-Mulej ikompli ibierek lil Kuba b'aktar vokazzjonijiet lokali ... dan huwa bżonn urġenti għall-Knisja Kubana. ❑




**Tista' tgħin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:**

- Bolol u Telecards użati
- Muniti qodma ta' Malta u Barra
- L-irċevuti fiskali tal-VAT
- Kotba bi stejjer fittizji.
- Postcards



Ibagħtuhom lil:
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana VLT 14**

**Nirringrazzjawkom għal kull għajnuna li tagħtuna.**

*Dorianne Penza GiFra*

# Fit-tikmix ta' l-għajnejn naraw ukoll ir-raġġi tad-dawl

Kont taf li skond kif tqum filgħodu tista' tmexxi l-ġurnata?! Ġieli, malli ftaħt għajnek fraħt u rringrazzjajt lill-Mulej għax għadda lejl b'wiċċ il-ġid u bdiet ġurnata ġdida, kapitlu żgħir ieħor ta' ħajtek?

Bħal kull pass li nagħmlu f'ħajjitna, malli nqumu nistgħu nagħmlu l-għażliet tagħna. Bħal kull opportunità jista' jkollna quddiemna żewġ għażliet. Nistgħu nagħżlu t-triq il-wiesgħa li hi l-eħfef triq, lixxa, bla blat u ħofor, u bla tissrip. Jew nistgħu nagħżlu t-triq id-dejqa li hi triq kollha ħofor u blat fin-nofs, mudlama u bla tlellix. Però liema triq ħa twassalna fl-aħjar post? Irridu nkunu kapaċi nagħrfu dawn iż-żewġ toroq fejn iwassluna u mhux nagħżlu waħda minnhom għall-kumdità tagħna.

Filgħodu nistgħu nqumu u ngħidu: "Illum irrid nagħmel ħilti biex inkun f'burdata tajba u nħares lejn il-pożittiv għal kull ħaġa li jiġrili, nifaċċja x'nifaċċja!"

Imma qed nisthajjilkom tgħiduli: "Inti taħseb li dejjem tkun faċli li tħares lejn il-pożittiv, ikollok x'ikollok quddiemek?"

Veru, mhux dejjem faċli. Kemm-il darba min jagħżel it-triq id-dejqa jasal fit-telgħat. Il-problemi li kellna fil-ġurnata ta' qabel irridu nħarsu lejhom bħala esperjenza oħra fil-ħajja tagħna. Jekk il-ġurnata ta' qabel qabżitilna xi ftit u forsi kollna xi ngħidu ftit mal-kollega tax-xogħol, l-aħjar li nippruvaw ninsew kollox. Jekk ħa nibqgħu nippersistu u ma rridux inkellmu lil din il-persuna, ħa nrabbu ċerti dwejjaq fina u nillimitaw il-paċi ta' bejnietna. Nistgħu, kemm aħna u kemm il-kollega tagħna, ikollna bżonn l-għajnuna u meta nkunu miġġildin diffiċli ħafna noffru daqqa t'id.

Anki jekk il-tort ikun tal-persuna l-oħra, aħna dejjem nistgħu nagħmlu l-ewwel pass. Barra li nitkellmu nerġgħu nsibu l-paċi f'qalbna, nistgħu wkoll nsiru iktar ħbieb minn qabel għalkemm mhux faċli.

Ma nistgux inreġgħu l-ħin lura biex nirranġaw fejn jidhrilna. F'dan il-każ m'għandniex għażla oħra x'nagħmlu. Imma għandna għażla li jew inħallu l-problema tgħaffiġna jew inkella niffaċjaw il-problema u nħarsu lejha bħala esperjenza oħra fil-ħajja tagħna. Kull problema fiha x'tagħsar. Bħalma naraw id-dlam fil-problemi tagħna, irridu nkunu kapaċi wkoll nilmħu dak ix-xaqq ta' dawl. Kull esperjenza qarsa, għalkemm ikun fiha t-tikmix ta' l-għajnejn, hemm ukoll x'titgħallem. ❑



*Mario Griscti*



# San Franġisk t'Assisi... u jien.

Qrajt dwarek u ħabbejtek,
imma qabel ma qrajt, għallmitni ommi,
li int kont qaddis kbir, (din "kbir" xi tfisser?),
u faħħrek fommi.

Irmejt il-għana kollha li fissditek,
fis-snin bikrin ta' ħajtek
ħaddant il-faqar, bist, ħabbejt lill-foqra,
għożżejt 'l Alla li ħalqek.

U jien midneb kbir,
Wara di' l-ħajja tiegħek, issaħħart,
għaġġbitni l-bidla li bl-għajnuna t'Alla
għamilt – u kif lejn Alla ddawwart.

Għoxejt naqra kif ġbart madwarek nistgħu
ngħidu familja, l-ewwel franġiskani,
li ddakkru sew minn ħajtek issa safja,
u f'Alla sabu lill-missier setgħani.

Fuqani Huwa biss, għajru ħadd aktar,
għax aħna trab ta' l-art, ulied id-dnub,
paċi u sliem fil-qlub, fir-ruħ l-indafa,
sabiex biss f'Alla niedma, ruħna ddub.

Ħajtek m'hijiex ġrajja ta' żmien il-qedem
illi tintesa wara ftit taż-żmien,
ħajtek hi lbieraħ, hija llum u għada,
ħajtek hi dak u dik, u l-oħra w jien.

Għax x'jiswa d-deheb, għax x'tiswa l-fidda, x'jiswa
il-kont bankarju tiela', tiela' 'l fuq,
jekk f'ħajtek tgħix id-dell ta' dlam id-dwejjaq,
u tinsa minn min int tassew maħluq?

Nżżik ħajr San Franġisk – talli b'dik ħajtek,
mibdula bla dewmien,
u bla tnikkir ta' xejn, għandi u nista',
għal grazzja t'Alla wkoll, ninbidel jien.



# Professjoni Temporanja



***"Il-għan tat-tliet kunsilli Evanġeliċi, li wieħed iwiegħed li jħares fil-wegħda tal-professjoni hu li, b'qalb mehlusa bil-grazzja, nistgħu ngħaqqdu lilna nfusna ma' Kristu f'ħajja ta' Kastità, Faqar u Ubbidjenza għall-imħabba tas-Saltna t'Alla, fuq il-passi ta' San Franġisk."***

***(Kostituzzjonijiet n. 21:1)***

Dan hu dak li għamel ħuna **CARMELO AQUILINA** permezz tal-Professjoni Temporanja tiegħu. Din seħħet nhar id-9 ta' Lulju 2004, fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini f'Għajn Dwieli, Paola. Hu ngħata b'mod sħiħ lil Alla f'idejn Patri William Axiaq OFMCap, Vigarju Provinċjali, fil-preżenza ta' għadd ta' Patrijiet Franġiskani Kapuċċini u saċerdoti oħra flimkien ma' familjari u ħbieb tiegħu. Kif stqarr l-istess ċelebrant fl-omelija: permezz tal-wegħdiet ta' Kastità, Faqar u Ubbidjenza, ir-reliġjuż jibda jieħu sehem minn Kristu li hu r-Reliġjuż il-kbir tal-Missier.



Il-professjoni reliġjuża hi att ta' qima lil Alla u Ewkaristija għaliex hekk kif Ġesù jingħata għalina permezz tal-ġisem u d-demm tiegħu, hekk ukoll ir-reliġjuż isir għotja għal ħutu l-bnedmin. Fuq il-kliem ta' San Pawl meta jgħid li Alla jħobb lil dawk li jagħtu bil-ferħ, hekk ukoll dan ħuna hu mħeġġeġ li jagħmel l-offerta tiegħu bil-ferħ. F'din l-istess ċelebrazzjoni, ħuna Carmelo rċieva l-labtu reliġjuż li hu wirja tal-konsagrazzjoni tar-reliġjuż lil Alla, kif ukoll tal-minorità u l-fraternità tagħna flimkien mar-Regola u l-Kostituzzjonijiet li huma t'għajnuna għar-reliġjuż Franġiskan Kapuċċin biex ifassal ħajtu fuq dik ta' l-Evanġelju.



***Fir-ritratti jidhru diversi mumenti waqt iċ-ċelebrazzjoni. Isfel Ħuna Carmelo jidher flimkien mal-mastru tan-novizzjat Ħuna Joe Saliba.***





## KLIEM *il-ħajja* Settembru - Diċembru 2004

Għadu kemm ġie ippublikat u tqassam "Kliem il-Ħajja" għax-xhur ta' Settembru-Diċembru 2004. Matul din is-sena "Kliem il-Ħajja" qed joffrilna qari u meditazzjonijiet fuq l-Evanġelji Sinottiċi. Wara li fl-ewwel ħarġa, ġie ppreżentat l-Evanġelju skond San Mark, u fit-tieni ħarġa l-Evanġelju skond San Mattew, issa f'din l-aħħar ħarġa għal din is-sena qed jiġi ppreżentat l-Evanġelju skond San Luqa. Dan huwa l-itwal Evanġelju fost l-erba' u joffrilna stampa sabiħa tal-ħniena ta' Alla li dehret fil-persuna ta' Ġesù Kristu.



## Oħtna l-mewt iżżurna



Fi ftit jiem 'il bogħod minn xulxin ingħaqdu mal-ġemgħa ta' missirijietna Rose Abela (86 sena) u Nazzareno Axiaq (73). Il-funeral ta' Rose Abela, omm ta' disa' wlied, fosthom Patri Emmanuel Kapuċċin, kappillan tal-parroċċa tal-Marsa (Trinita Qaddisà), sar fl-imsemmija parroċċa nhar il-Ġimgħa, 13 t'Awissu 2004. Għadd ta' Aħwa Franġiskani Kapuċċini u parroċċani attendew għall-quddiesa tal-funeral. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet minn binha stess Patri Emmanuel assistit mill-Provinċjal Patri Joe Alessandro u għadd ta' saċerdoti oħrajn.



L-għada, l-14 t'Awissu, lejlet il-festa ta' Santa Marija, sar il-funeral ta' Nazzareno Axiaq, missier ta' erba' wlied fosthom Br Vincent Kapuċċin. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Bosta Aħwa Franġiskani Kapuċċini attendew għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tal-funeral, li tmexxiet mill-Provinċjal, Patri Joe Alessandro OFMCap. Filwaqt li nizżu ħajr lill-Mulej ta' kemm ħabbna permezz ta' Rose u Nazzareno, inwasslu l-għomor li ħutna Patri Emmanuel u Br Vincent, lil ħuthom u l-familji tagħhom, inwegħduhom it-talb tagħna. RIP

## Reċensjoni

**_Sireni u Serenati_**
bi studju kritiku ta' Anton Agius Muscat
Ippublikat mill-Klabb Kotba Maltin, 2004




F'dawn l-aħħar ħamsin sena rajna bosta kotba dwar it-Tieni Gwerra Dinjija. L-istorja ta' l-eluf ta' tunellati ta' bombi li waqgħu fuqna, l-imwiet, in-niket, il-mard u l-ġuħ li minnhom għaddiet Malta llum bilkemm titwemmen. Ma nistgħux ngħidu li dan huwa ktieb ieħor dwar il-Gwerra, dan huwa differenti għal kollox.

Ibda biex l-awtur hija mara li f'dawk il-jiem ta' bejn l-1939 u l-1945 kienet xbejba ta' bejn id-disa' u l-ħmistax-il sena. Il-qarrej jinduna li għalkemm dan ir-rakkont jittratta dwar il-Gwerra, dawk il-ġrajjiet tal-waħx ma jeħdux dejjem prominenza. Għax hemm minsuġa fuq it-tila tal-Gwerra kif l-awtur u oħtha, Josephine Mahoney, sentejn iżgħar minnha, għexu minn jum għal ieħor f'dak in-nuqqas ta' ikel u ilma, fit-twerwir tal-mewt imdendla fuq rashom ifittxu kenn f'għaxar bnadi differenti.

## Kull fejn hemm qalb

*Kliem:* ***Oliver Friggieri***
*Mużika:* ***F. W. Faber (1814-1863)***

Kull fejn hemm qalb li tnixxi d-dmugħ
maqsuma bl-għawġ tal-jum,
hemm qalbna tmur biex tibki wkoll
u tieħu sehem fl-uġigħ.

Kull fejn xi ħadd ma jafx għaliex
fuq rasu tiddi x-xemx,
hemm moħħna wkoll imur sa ħdejh
u jgħinu jaf għaliex.

Kull fejn ħabib jinsab mifluġ
u jogħtor tul it-triq,
hemm aħna miegħu mifluġin
ngħinuh biex jerġa' jqum.

Kull fejn hemm mara bla serħan
li tgħodd il-jiem għalxejn,
hemm aħna mmorru ntuha l-ferħ
li trid issib hi wkoll.

Kull fejn hemm raġel waħdu fl-art
imgħaffeġ taħt salib,
hemm aħna naslu ħdejh ukoll
u ntuh in-nifs mill-ġdid.

Jekk hemm xi ħadd mikul mill-ġuħ
jekk hemm xi ħadd bil-għatx,
hemm aħna mmorru nitimgħuh
u hemm ukoll nisquh.

Kull weġgħa dieħla ġewwa qalb
xi mkien fit-truf ta' l-art,
hi weġgħa dieħla fina wkoll
u tweġġa' qalb kulħadd.

M'hemmx nies ta' ġewwa w barranin,
għedewwa, qraba w ħbieb,
hemm aħwa biss u lkoll indaqs,
hekk ried is-sid ta' l-art.

P. Lawrenz Briffa OFMCap

# L-Ewkaristija
## fil-Qdusija ta' S. Veronka Giuliani

***Dan ix-xahar t'Ottubru tibda s-sena taċ l-Ewkaristija li nieda l-Papa Ġanpawl it-Tieni ftit xhur ilu, sena li tibqa' sejra s'Ottubru tas-sena d-dieħla. Il-Papa jrid li matul din is-sena l-insara jidħlu iktar 'il ġewwa fit-tifsira, fis-siwi, fil-qawwa u fil-ħlewwa tal-Misterju tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija biex jikbru iktar fil-qdusija, li l-bidu u l-għajn tagħha huma Ġesù, il-Ħobż tal-ħajja.***



L-Ewkaristija, minħabba li hija Ġesù, l-Iben t'Alla nnifsu magħmul ikel u xorb għalina, hija l-qofol tal-ħajjiet tal-Qaddisin kollha. Matul din is-sena qed naħsbu biex inġibu ftit ħsibijiet u tagħrif dwar l-egħġubijiet li dejjem ħadem Ġesù Ewkarisitija fil-qaddisin ta' l-Ordni tagħna Franġiskan Kapuċċin, li kollha kienu mimlijin imħabba u qima li jgħaġġbuk lejn dan is-Sagrament.

Fit-testment tiegħu, il-Qaddis Missierna Franġisk, ħallielna bil-miktub dwar il-qima u l-ġieħ ewlieni li għandu jkollna lejn is-Sagrament ta' l-Ewkaristija u dak kollu li għandu x'jaqsam miegħu. Bil-qima qaddisa li kellu hu lejn Ġesù Ewkaristija ħallielna din it-tislima fuq fommna lil dan is-Sagrament: **"Inqimuk, Mulej l-aktar qaddis Ġesù Kristu, hawn u fil-knejjes tiegħek kollha li hawn fid-dinja kollha, u nbirkuk, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja".**

Fl-ewwel kitba ta' din is-sensiela nitfgħu ftit ħarsitna fuq oħtna l-Qaddisa Veronka Giuliani, Soru Klarissa Kapuċċina, li kienet ġganta ta' Qaddisa fit-tbatijiet tagħha, u li bil-ġrieħi mqaddsa kollha li kellu Kristu mislub, saret xbieha ħajja b'ġid kbir għall-fidwa tagħna bi tbatijietha magħqudin ma' tiegħu bi tpattija għal dnubietna.

Ursla Giuliani, kif kien jisimha qabel daħlet soru, kienet iż-żgħiranett minn ħamest aħwa bniet. Twieldet fit-28 ta' Diċembru 1660, għexet il-ħajja Kapuċċina, bl-isem Veronka, ġol-monasterju ta' Citta di Castello, Perugia, l-Italja, u mietet ta' sebgħa u sittin sena fid-disa' ta' Lulju 1727. Għarrafha Qaddisa l-Papa Girgor Sittax, fis-26 ta' Mejju 1839.

Dwar il-qdusija wisq għolja li Veronka waslet għaliha bis-saħħa ta' l-Ewkaristija se nħalli lilha titkellem hi billi nġib xi siltiet mid-djarju tagħha. B'ubbidjenza lejn l-Isqof u l-qassis li kien imexxiha fil-ħajja tar-ruħ, Veronka ħallitilna bil-miktub kulma kienet iġġarrab għal iktar minn tletin sena fil-ħajja mistika ta' għaqda sħiħa ma' Ġesù Mislub. Fost iktar minn tnejn u għoxrin elf paġna miktuba bl-id, ftit waħdiet issib fejn ma ssemmix it-tbatija u l-Ewkaristija: it-tbatija bħala l-misterju tal-fidwa tagħna li ħadmilna Kristu fuq is-salib, li hi kienet imsejħa biex ikollha sehem mill-akbar fih, u l-Ewkaristija,

li Kristu waqqafha bħala tifkira ħajja ta' dan il-misterju tal-fidwa.

F'waħda mit-tagħrifiet dwar il-bidu ta' ħajjitha, li għandna ħafna minnhom fil-ħames volum tad-djarju tagħha, Veronka turina li wkoll minn tfulitha, tfajla ta' bilkemm erba' snin, kienet diġà miġbuda minn Ġesù Ewkaristija. Tgħidilna li meta ommha u ħutha kienu jaslu lura d-dar wara li jkunu għadhom kemm tqarbnu kienet ixxommilhom riħa tfuħ li tgħaġġbek ħierġa mill-Ewkaristija li jkollhom ġo fihom. Dwar ix-xewqa ħerqana li kellha biex tagħmel l-Ewwel Tqarbina tgħid: *"Kelli seba' mitt sena biex nersaq għat-Tqarbin, u din l-ewwel darba li tqarbint ma kontx f'tiegħi bil-ferħ; ma kontx għadni naf nitlob, iżda ma ħassejt xejn ħlief ġibda kbira (lejn Ġesù).'*

Dak iż-żmien it-Tqarbin ma kienx isir kuljum, iżda meta kien imissha titqarben kienet tħoss ħaj lil Ġesù. Ara x'tikteb: *"Dakinhar li kont nitqarben, l-hena tiegħi kienet noqgħod ħdejn l-artal ċkejken li kelli d-dar, u kont inħoss moħħi kollu miġbur f'Alla, u jidhirli li kont inħoss ġo qalbi lill-Mulej f'għamla ħajja."*

Kif tgħidilna f'waħda mit-tagħrifiet li semmejna, Ġesù fit-Tqarbin kien ikellimha wkoll: *"Meta kien jasal il-jum tat-Tqarbin kont inkun mitlufa bil-ferħ. U f'dak il-jum jidher li kont nisma' leħen jgħidli:* <Hawn jien, qiegħed miegħek!"

Veronka ssib il-misterji kollha ta' l-imħabba ta' Kristu ħaj u jaħdem fl-Ewkaristija, din *'l-invenzjoni ta' l-Imħabba'* (Djarju 1:96): hekk issejħilha Veronka, l-Ewkaristija. Il-jum ta' privileġġ u ta' grazzja għaliha kien il-jum li fih titqarben. Waqt it-Tqarbin kienet taqla' ħafna grazzji kbar u ġġarrab l-għaqda l-aktar ġewwiena tagħha ma' Ġesù. *"Kull darba li nitqarben"*, tgħid Veronka, *"inġarrab hena kbira, u xi daqqiet kont inkun f'ġabra kbira u meħuda f'Alla; kont inħoss li l-Mulej kien ikebbisni dejjem iktar billi jagħtini xewqa li naqtagħha darba għal dejjem li nħobbu tassew."* (Djarju 1:36...).



Għal Veronka l-Ewkarisitija, kif tassew hi, kienet il-qofol ta' l-imħabba u ta' l-għaqda sħiħa tagħha m'Alla. Kliemha fuq hekk f'tagħrifa tas-sena 1700 huwa dan: *"Jidhirli li ħafna drabi, meta kont immur nitqarben, waqt li l-qassis kien ikun qed iqegħedli l-Ostja ġo ħalqi, kont inkun qisni għandi ħuġġieġa nar ġo ħalqi. Kont nintilef... U meta l-Mulej kien ikun ġo fija, kont inħossu minnufih ġo qalbi, u kien jagħtini għaqda ġewwiena miegħu, u jiġbidli din ruħl għalih. Kont inkun ġo fih kollni kemm jien magħquda, magħmula ħaġa waħda miegħu, u kont inħoss il-ħidma tiegħu fija."*

Kienet tgħaqqad kull Tqarbina li tagħmel b'ħajr u bi tħejjija mat-Tqarbina li jkun imiss: *"Kull darba li nitqarben inħoss taqbad ġo fija x-xewqa li mill-aktar fis narġa' nitqarben, u t-Tqarbina nagħmilha b'ħajr għat-Tqarbina nnifisha, u nqisha bi tħejjija għat-Tqarbina li nkun se nagħmel fi ftit jiem."*

Hekk kienet tkun tixtieq li ħajjitha kollha tkun Tqarbina waħda l-ħin kollu sejra. Lil Ġesù kienet tgħidlu: *"Kemm nixtieq, kieku kont nista', nieklok u ngħix bik il-ħin kollu, jew għallanqas, kull filgħodu!"* (Djarju 1:938). U t-Tqarbina, kif tikteb ukoll, ma kinetx tħalliha torqod: *"Il-lejl ta' qabel inkun se nitqarben m'għandekx għax taħseb li kont inkun nista' nistrieħ. Ngħaddi l-lejl kollu nitlob u nagħmel il-penitenzi... u nistieden il-Mulej jiġi għandi".*

L-imħabba ta' ġenn qaddis li kellha lejn Ġesù fl-Ewkarisitija, meta kienet tieħu ħsieb is-sorijiet morda fl-infermerija, u l-qassis kien jitla' jqarbinhom, kienet iddur minn kull naħa biex tasal biex tara l-Ostji ġol-pissidi u lil Ġesuċ tfaqqagħlu bewsa qaddisa bl-akbar ħerqa u hena.

Hi u tikteb lil wieħed qassis li kienet tqerr għandu, tgħidlu: *"Jien ma nistax nifhem kif intom il-qassisin tistgħu żżommu ġo jdejkom*



*lil Alla u ma tiġġennux bl-imħabba! Dal-ħsieb biss lili jġegħlni noħroġ minni nnifsi."*

U jikteb ukoll: *"Jien naħseb li (intom il-qassisin) ma tkunux f'tagħkom waqt il konsagrazzjoni, jew inkella tħossukom mibdulin f'Alla nnifsu. Jien tal-fehma li ssiru bħan-nar intom u __żżommu__ ġo jdejkom dik l-imħabba t'Alla"* (Djarju 5:96).

Hemm ukoll ħafna tagħlim tal-Qaddisa Veronka dwar il-ġid li tagħmel fina l-Ewkarisitija, tagħlim li ħallitulna miktub wara snin twal tal-ħajja mistika tagħha. Ara x'tikteb: *"Meta nersqu lejn l-għajn, jew aħjar, lejn is-Sagrament l-aktar qaddis, sakemm nersqu bit-twemmin, bl-imħabba u bis-safa, ruħna tidħol f'Alla bħalma ħuta tkun ġol-baħar".* Tgħallem ukoll li: *"Kull darba li nitqarbnu ruħna u qalbna jsiru maqdes tat-Trinitaċ, u għax Alla jkun ġie fina, tiġi fina l-Ġenna kollha"*(Djarju 3:928). Veronka tgħid li saħansitra Alla nnifsu jwettqilha t-twemmin tagħna li Hu qiegħed fl-Ostja Qaddisa: *"...li Hu qiegħed fis-Sagrament l-aktar qaddis kollu kemm hu kif qiegħed fil-Ġenna, jiġifieri, Wieħed fi Tlieta".* (Djarju 3:1048).

Tagħlima oħra tagħha hi li: *"Kull darba li nersqu għat-Tqarbin qaddis, it-Tqarbina tkun dejjem tieġ ġdid tar-ruħ, minħabba li Alla jgħaqqad ir-ruħ miegħu b'għaqda ta' mħabba l-aktar ġewwiena"* (Djarju 1:623).

Ara kemm tassew l-Ewkaristija kienet l-għajn tal-qdusija għal Veronka: *"Kieku kelli ngħid dak kollu li ġrali waqt it-Tqarbiniet li għamilt, ma kont nispiċċa qatt ngħid. Dejjem kien ikolli xi grazzja jew xi għotja ġdida. Biex nobdi, ngħid li ħafna drabi kont noqgħod mingħajr ikel ieħor tal-ġisem għal kemm-il jum"* (Djarju 1: 81-87). L-Ewkaristija għal Veronka kienet l-għajn u l-qofol ta' kulma kienet iġġarrab fil-ħajja mistika tagħha. Il-waqtiet li kien ikollha ġo fiha lil Ġesù Ewkaristija minnifuh wara kull Tqarbina kienu jkunu l-waqtiet tal-Ġenna tagħha fuq l-art.

U fl-aħħarnett, tħeġġeġ lilna b'dan il-kliem: *"Nixtieq, kieku, li kulħadd jitkellem fuq dan is-Sagrament l-aktar qaddis ħalli kieku xi darba kulħadd jidħol 'il ġewwa ġo din l-invenzjoni ta' l-imħabba, li siebet lil Alla biex jibqa' magħna bħala ikel ta' l-erwieħ għall-ġid tagħna!"* (Djarju 5: 97, 98).

Jekk matul din is-Sena ta' l-Ewkarisitija naħsbu fuq dawn is-siltiet tal-Qaddisa Veronka, nixtarruhom u nħalluhom jaħdmu fina, għandhom jgħinuna ħafna nagħrfu dejjem iktar aħna wkoll il-kobor bla tarf ta' dan is-Sagrament, u nsiru 'nies ta' l-Ewkaristija' billi nifhmu sew li ma nistgħux inqaddsu lilna nfusna ħlief bl-Ewkaristija, mill-Ewkaristija u ma' l-Ewkaristija! ❑

# TISLIBA 47

minn P. Wistin ATTARD ofm cap




1. u 11. X'kien Nimrod. (Ġen 10,9) (8)
2. ...! ...! La tmissuhomx. (Lam 4, 15) (6)
3. Il-Mulej tah saħħa. (Sir 46, 9) (5)
4. Hawn sab lil Alla. (Hos 12, 5) (5)
5. Għamlu tal-bronż. (Num 21, 9) (4)
6. Xaqaq b'dan u r-rakkmu. (Mħ 5, 30) (5)
7. L-ewwel frott f'din il-belt. (1 Kor 16, 15) (5)
8. Fejn bagħat lil Tikiku. (2 Tim 4, 12) (5)
9. Sinjal mhux oskur. (2 Mak 15, 35) (3)
10. Ridna nagħtukom dan. (2 Tess 3, 9) (7)
11. Ara 1
12. Dan tagħna hu waħdieni. (Ġuda 4) (3)
13. Hekk Rut resqet ħdejh. (Rt 3, 7) (6)
14. La bil-linka u anqas b'din. (3 Ġw 13) (5)
15. Ġa għaddew ... ijiem. (Lq 24, 21) (5)
16. Hekk għamilt fit-triqat. (Mik 6, 16) (5)
17. Hekk jiġrilhom bl-inbid. (Prov 3, 10)
18. Bi lbies *ileqq*. (Ġak 2, 2) (7)
19. Dan ħeles minn idejn Ġuda. (2Kron 21, 10) (4)
20. ... kien għadu jitkellem (Mk 14, 43) (3)
21. Huma jibnu u jiena *nżarma*. (Mal 1, 4) (5)
22. Telgħu minnu. (Esd 2, 1) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' AWISSU / SETTEMBRU:***

*1. u 11. Nikodemu; 2. Qassam; 3. Wissi; 4. Tifla; 5. Isem; 6. Urini; 7. Ibatli; 8. Ilsir; 9. Ors; 10. Salamun; 11. Ara 1.; 12. Raw; 13. Abital; 14. Ġetru; 15. Ajkla; 16. Ħtija; 17. Purim; 18. Eżiljat; 19. Ibku; 20. Idu; 21. Rakel; 22. Jbati.*

Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: J. TONNA - MSIDA

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom ġrajja fil-qosor mill-Bibbja. Intom tridu taqraw is-silta kollha mill-Bibbja skond kif għandkom immarkat, u tirrispondu għall-mistoqsijiet li għandkom taħt dan il-qari. Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-**Librerija Preca** (Tal-Museum) tal-Blata l-Bajda.

# Rokna għat-Tfal

***Fid-deżert tal-Lhudija ġie wieħed jippriedka biex in-nies jindmu. Dan ir-raġel kien tkellem fuqu profeta li sejjaħlu: leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert. Kien jgħix ħajja ta' penitenza kbira u n-nies kienet tmur għandu biex titgħammed. Ġesù wkoll mar jitgħammed u kif tela' mill-ilma nfetħu s-smewwiet u nstema' leħen jitkellem.***

***(Ara Mt 3, 1-6, 13-17)***



1. X'kien jismu r-raġel li dehor jippriedka?
2. Għaliex qalilhom biex jindmu?
3. Min kien il-profeta li tkellem fuq dar-raġel?
4. X'kien jilbes u jiekol dar-raġel?
5. F'liema xmara kien jgħammed?
6. X'qal il-leħen għal Ġesù.

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk: *ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14* • ***Ir-Rebbieħ ta' Awissu/Settembru: Therese Vassallo, Mosta.***

Br Dennis Calleja OFMC

# Jigsaw Puzzle

Naħseb li bħali ġieli għamiltu jew rajtu lil min jagħmel *jigsaw puzzle.* Ħafna biċċiet mferrxin ma tafx minn fejn se taqbad tibda iżda meta bil-paċenzja kollha tibda issib il-biċċiet li jaqblu, il-*jigsaw puzzle* tibda tagħmel sens għax jibda ħiereġ ix-xenarju, tibda tidher l-istampa li tkun tixtieq tgħaqqad.

Alla l-istess jagħmel magħna. Jagħmel il-*jigsaw puzzle.* Alla għandu pjan għalina li ilu mħejji sa minn ġuf ommna. Irid li dan il-pjan aħna nagħrfuh u permezz tiegħu naslu li nwettquh. Ħajjitna fiha ħafna biċċiet, mumenti sbieħ u inqas sbieħ, esperjenzi li nghaddu minnhom ta' kuljum, iżda meta jingħaqdu flimkien skond il-pjan t'Alla tiġi magħmula l-*Jigsaw puzzle* ta' ħajjitna. Toħroġ l-istampa kollha. U nibda ninduna li kull mument kien importanti biex ngħaqqad il-*jigsaw puzzle* ta' ħajti. Biex inwettaq dak li ħaseb Alla għalija. Għalhekk jeħtieġ li nara kollox bil-lenti t'Alla. Għax forsi mingħajr ma nkun qed ninduna Alla jkun qed jgħaddini minn mument li forsi ma nifhimx, biex iwassalni għal mument iktar qawwi fil-ħajja tiegħi. U wara ngħid mn'Alla kien hekk. Li kieku ma għaddejtx minn dik l-esperjenza kieku llum ... Hekk hu, il-ħsibijiet t'Alla m'humiex il-ħsibijiet tagħna. Aħna noħolmu mod u Alla joħlom mod ieħor. Iżda żgur li Alla jrid l-aħjar għalina.

Il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża u saċerdotali għal dawk li jkunu msejħin u li tkun fil-pjan t'Alla għalihom hija l-istess bħal *jigsaw puzzle.* Alla jgħaddihom minn mumenti, minn esperjenzi, jurihom sitwazzjonijiet u jlaqqagħhom ma' nies biex bil-mod il-mod jibda jurihom li s-sejħa tagħhom hi li jitilqu kollox u jħaddnu l-ħajja reliġjuża u saċerdotali biex jimxu fuq il-passi tiegħu. B'hekk tkun qed tingħaqad biċċa oħra mill-*jigsaw puzzle* tal-ħajja li Alla ħejja għalihom.

Alla hu paċenzjuż u jieħu l-ħin u żmien kollu biex tagħraf pass pass il-pjan tiegħu għalik. Min-naħa l-oħra int ukoll trid tagħmel ħiltek kollha biex tikkopera mas-sejħa li Alla qed jagħmillek u tasal li tgħin lil Alla biex jgħaqqad il-*jigsaw puzzle* tal-ħajja tiegħek.

Iftaħ qalbek beraħ biex tagħraf li kull mument li jgħaddik minnu hu sinjal biex ikompli jsaħħaħ fik il-grazzja tiegħu. Li inti tagħmel għażla importanti li taċċetta l-istedina bil-ferħ għal kliem ta' Ġesù, ***"ejja warajja".*** Alla qed jistenniek. Issa minnek jonqos jekk l-aħħar biċċa tal-*jigsaw puzzle* tgħaqqadix jew le. Inħalli f'idejk! ❑



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċini fil-Kenja billi tagħmel

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil*
*P. Crispin Tabone OFMCap*
*Segretarju tal-Missjoni*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana*
*Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.*

